REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/566

tad-9 ta' April 2019

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti fittings tat-tubi u tal-pajpijiet li joriġinaw mill-Federazzjoni Russa, mir-Repubblika tal-Korea u mill-Malasja wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jtemm l-investigazzjoni rigward l-importazzjonijiet tal-istess prodott li joriġinaw mir-Repubblika tat-Turkija

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku") u, b'mod partikolari, l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Miżuri fis-seħħ

(a) ***Ir-Repubblika tal-Korea u l-Malasja***

(1) Il-Kunsill, wara investigazzjoni anti-dumping, skont ir-Regolament (KE) Nru 778/2003 ([2]) impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti fittings tat-tubi u tal-pajpijiet li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea ("il-Korea") u mill-Malasja ("l-investigazzjoni oriġinali"). Wara l-ewwel rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 1001/2008 ([3]) il-Kunsill reġa' impona l-miżuri anti-dumping. Wara t-tieni rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1283/2014 ([4]) il-Kummissjoni reġgħet imponiet il-miżuri anti-dumping. Wara rieżami interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, limitat fl-ambitu tiegħu għall-eżaminar tad-dumping f'dak li kellu x'jaqsam ma' TK Corporation, produttur esportatur Korean, il-Kummissjoni emendat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1283/2014 bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/306 ([5]).

(2) Il-miżuri anti-dumping li bħalissa huma fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti fittings tat-tubi u tal-pajpijiet li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea ħadu l-forma ta' rata tad-dazju *ad valorem*, li ġiet stabbilita fil-livell tal-marġni tad-dumping ta' 32,4 % għall-importazzjonijiet minn esportatur imsemmi individwalment (TK Corporation), b'rata tad-dazju residwa ta' 44,0 % stabbilita fil-livell tal-marġni ta' ħsara.

(3) Il-miżuri anti-dumping li bħalissa huma fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti fittings tat-tubi u tal-pajpijiet li joriġinaw mill-Malasja ħadu l-forma ta' rata tad-dazju *ad valorem*, li ġiet stabbilita fil-livell tal-marġni tad-dumping ta' 49,9 % u 59,2 % għall-importazzjonijiet minn esportaturi msemmija individwalment, b'rata tad-dazju residwa ta' 75,0 %.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap. 02, Vol. 008, p. 217)

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 778/2003 tas-6 ta' Mejju 2003 li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 283/2000/KEFA u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 584/96, (KE) Nru 763/2000 u (KE) Nru 1514/2002 li jikkonċernaw il-miżuri ta' kontra d-dumping li applikaw għal ċerti rollijiet illaminati fis-sħana u għal ċertu armar għal tubaturi u pajpijiet, tal-ħadid jew azzar (ĠU L 114, 8.5.2003, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1001/2008 tat-13 ta' Ottubru 2008 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti aċċessorji ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea u mill-Malasja wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 (ĠU L 275, 16.10.2008, p. 18).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1283/2014 tat-2 ta' Diċembru 2014 li jimponi dazju definittiv tal-anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti aċċessorji ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea u mill-Malasja wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 347, 3.12.2014, p. 17).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/306 tat-3 ta' Marzu 2016 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1283/2014 li jimponi dazju definittiv tal-anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti aċċessorji ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea u mill-Malasja wara rieżami interim skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 58, 4.3.2016, p. 38).

(b) ***Ir-Repubblika tat-Turkija u l-Federazzjoni Russa***

(4) Il-Kunsill, wara investigazzjoni anti-dumping, skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 78/2013 ([6]) impona dazju anti-dumping definittiv kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti fittings tat-tubi u tal-pajpijiet li joriġinaw mir-Repubblika tat-Turkija ("it-Turkija") u mill-Federazzjoni Russa ("ir-Russja").

(5) Il-miżuri anti-dumping li huma fis-seħħ bħalissa fir-rigward tar-Russja ħadu l-forma ta' rata tad-dazju residwa *ad valorem* stabbilita fil-livell tal-marġni tad-dumping ta' 23,8 %. Fir-rigward tat-Turkija, ir-rati tad-dazju *ad valorem* ġew stabbiliti fil-livell tal-marġini tad-dumping ta' 2,9 %, ta' 9,6 % u ta' 12,1 % għal importazzjonijiet mill-esportaturi msemmija b'mod individwali, b'rata tad-dazju residwa ta' 16,7 %.

(c) ***Pajjiżi terzi oħra mhux soġġetti għal dan ir-rieżami***

(6) Bħalissa hemm miżuri anti-dumping fis-seħħ fuq importazzjonijiet ta' ċerti fittings tat-tubi u tal-pajpijiet li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("iċ-Ċina"), li ġew estiżi għat-Tajwan, għall-Indoneżja, għas-Sri Lanka u għall-Filippini ([7]).

1.2. **Talba għal rieżami ta' skadenza**

(7) Wara l-pubblikazzjoni ta' avviż dwar l-iskadenza imminenti ([8]) tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti fittings tat-tubi u tal-pajpijiet li joriġinaw mit-Turkija, mir-Russja, mill-Korea, u mill-Malasja ("il-pajjiżi kkonċernati"), il-Kummissjoni rċiviet talba għal rieżami skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(8) It-talba saret mill-Kumitat tad-Difiża tal-Industrija tat-Tubi tal-Azzar Mingħajr Saldaturi Paralleli ("l-applikant") f'isem produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw madwar 51 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċerti fittings tal-pajpijiet u tat-tubi.

(9) It-talba kienet imsejsa fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx twassal għat-tkomplija u/jew għar-rikorrenza ta' dumping u għat-tkomplija u/jew għar-rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

1.3. **Il-bidu**

(10) Billi ddeterminat, wara li kkonsultat mal-Kumitat, stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, li kien hemm biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza, fis-27 ta' Jannar 2018 il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' avviż ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([9]) ("in-Notifika ta' Bidu"), il-bidu ta' rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

1.4. **Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u l-perjodu li qed jiġi kkunsidrat**

(11) L-investigazzjoni tat-tkomplija jew tar-rikorrenza tad-dumping kienet tkopri s-sena 2017 ("il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami" jew "PIR"). L-istħarriġ dwar ix-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' tkomplija jew ta' rikorrenza tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat").

1.5. **Il-partijiet interessati**

(12) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati kollha biex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Minbarra dan, il-Kummissjoni speċifikament infurmat lill-applikant, lil produtturi magħrufa oħra tal-Unjoni, lil produtturi esportaturi, lil importaturi u lil utenti fl-Unjoni li kien magħruf li kienu kkonċernati u lill-awtoritajiet fit-Turkija, fir-Russja, fil-Korea u fil-Malasja dwar il-bidu tar-rieżami ta' skadenza u stednithom biex jipparteċipaw.

(13) Il-partijiet interessati kollha ġew mistiedna jressqu l-fehmiet tagħhom, jissottomettu l-informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fi żmien l-iskadenzi stabbiliti fin-Notifika ta' Bidu. Il-partijiet interessati ngħataw ukoll l-opportunità li jitolbu bil-miktub għal seduta ta' smigħ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni u/jew l-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 78/2013 tas-17 ta' Jannar 2013 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti aċċessorji ta' tubi u pajpijiet tal-ħadid jew tal-azzar li joriġinaw mir-Russja u mit-Turkija (ĠU L 27, 29.1.2013, p. 1).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1934 tas-27 ta' Ottubru 2015 li jimponi dazju definittiv tal-antidumping fuq importazzjonijiet ta' ċerti aċċessorji ta' tubi u pajpijiet, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 282, 28.10.2015, p. 14.).

([8]) ĠU C 214, 4.7.2017, p. 8 u ĠU C 146, 11.5.2017, p. 9.

([9]) Notifika ta' bidu dwar ir-rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti fittings tat-tubi u tal-pajpijiet li joriġinaw mit-Turkija, mir-Russja, mill-Korea u mill-Malasja (ĠU C 31, 27.1.2018, p. 16).

1.5.1. *Kampjunar*

(14) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hi tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati, f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

1.5.2. *Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(15) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni stqarret li kienet għażlet b'mod provviżorju kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. B'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet il-kampjun fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv tal-produzzjoni li seta' jkun investigat b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli, b'kont meħud ukoll tal-pożizzjoni ġeografika. Dan il-kampjun kien jikkonsisti f'erba' produtturi tal-Unjoni. Il-produtturi tal-Unjoni magħżulin għall-kampjun kienu jirrappreżentaw madwar 54 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw dwar il-kampjun provviżorju. Ma wasal l-ebda kumment sal-iskadenza u għaldaqstant il-kampjun kien ikkonfermat. Il-kampjun tqies li kien rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

1.5.3. *Kampjunar ta' importaturi mhux relatati*

(16) Bl-għan li l-Kummissjoni tkun tista' tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ u, jekk ikun il-każ, biex tagħżel kampjun, l-importaturi/l-utenti mhux relatati kollha ġew mistiedna jipparteċipaw f'din l-investigazzjoni. Dawk il-partijiet intalbu jippreżentaw irwieħhom billi jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni dwar il-kumpaniji tagħhom mitluba fl-Anness II tan-Notifika ta' Bidu. Ippreżentaw ruħhom żewġ importaturi. Dawn kienu mistiedna jikkooperaw billi jimlew il-kwestjonarju. Madankollu, l-ebda wieħed minn dawn it-tnejn ma wieġeb.

1.5.4. *Kampjunar tal-produtturi esportaturi*

(17) Minħabba li jidher li hemm għadd kbir ta' produtturi esportaturi fl-erba' pajjiżi kkonċernati minn dan ir-rieżami ta' skadenza, il-kampjunar kien previst fin-Notifika ta' Bidu.

(18) Biex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi magħrufa kollha fil-pajjiżi kkonċernati sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. L-informazzjoni mitluba kienet tinkludi l-volum u l-valur tal-bejgħ, il-volum tal-produzzjoni u l-kapaċità tal-produzzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tal-pajjiżi kkonċernati għall-Unjoni Ewropea biex tidentifika u/jew tikkuntattja produtturi esportaturi oħra, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(19) Il-kwestjonarji tal-kampjunar intbagħtu lil erbgħin produttur esportatur potenzjali magħruf: ħdax fit-Turkija, ħamsa fil-Malasja, għaxra fil-Korea t'Isfel u erbatax fir-Russja. Tliet kumpaniji Torok wieġbu għall-kwestjonarju tal-kampjunar, waħda minnhom imbagħad irtirat il-kooperazzjoni tagħha. Kumpanija waħda fir-Russja wieġbet għall-kwestjonarju tal-kampjunar iżda mbagħad irtirat il-kooperazzjoni tagħha. L-ebda wieħed mill-produtturi Malasjani jew Koreani li ġew ikkuntattjati u l-ebda produttur Malasjan/Korean ieħor ma daħal f'kuntatt u pprovda l-informazzjoni mitluba.

1.5.5. *Kwestjonarji u żjarat ta' verifika*

(20) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-erba' produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, lil erba' produtturi esportaturi kif imsemmija fil-premessa (18) u lil żewġ importaturi li daħlu f'kuntatt wara l-bidu.

(21) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand l-erba' produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u mingħand żewġ produtturi esportaturi fit-Turkija. Ma waslet ebda tweġiba mingħand l-importaturi.

(22) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset neċessarja għad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' tkomplija jew ta' rikorrenza tad-dumping u tad-dannu u għad-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku twettqu fl-uffiċċji tal-kumpaniji li ġejjin:

(a) Il-produtturi tal-Unjoni:

— Erne Fittings GmbH Group, l-Awstrija

— Lindemann, il-Ġermanja

— Vallourec Fittings S.A., Franza

— Virgilio CENA& Figli S.p.A., l-Italja

(b) Produtturi esportaturi:

— Sardogan Industry and Trade – Mehmet Sardogan, it-Turkija

— RSA Tesisat Malzemeleri San. Tic. A.S., it-Turkija

2. IL-PRODOTT LI QED JIĠI RIEŻAMINAT U L-PRODOTT SIMILI

2.1. Il-prodott li qed jiġi rieżaminat

(23) Il-prodott li qed jiġi rieżaminat hu l-istess bħal dak fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri fittings tat-tubi u tal-pajpijiet (għajr fittings tal-fondut, flanġi u tagħmir bil-kamin) tal-ħadid jew azzar (mhux inkluż l-azzar inossidabbli) bl-akbar dijametru ta' barra li ma jaqbiżx is-609,6 mm, tat-tip li jiġi użat għall-issaldjar jew finijiet oħra, li bħalissa huwa klassifikabbli fil-kodiċi NM ex 7307 93 11, ex 7307 93 19 u ex 7307 99 80 (Kodiċi TARIC 7307 93 11 91, 7307 93 11 93, 7307 93 11 94, 7307 93 11 95, 7307 93 11 99, 7307 93 19 91, 7307 93 19 93, 7307 93 19 94, 7307 93 19 95, 7307 93 19 99, 7307 99 80 92, 7307 99 80 93, 7307 99 80 94, 7307 99 80 95 u 7307 99 80 98) ("TPF" jew "il-prodott li qed jiġi rieżaminat").

2.2. Prodott simili

(24) Kien ikkunsidrat li l-prodott li qed jiġi rieżaminat manifatturat fl-erba' pajjiżi kkonċernati u esportat lejn l-Unjoni u l-prodott manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi bażiċi u l-istess użi bażiċi. Għalhekk, dawn tqiesu bħala prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

3. PROBABBILTÀ TA' TKOMPLIJA JEW TA' RIKORRENZA TAD-DUMPING

(25) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-iskadenza tal-miżuri fis-seħħ tistax x'aktarx twassal għal tkomplija jew għal rikorrenza tad-dumping mill-pajjiżi kkonċernati.

3.1. Kummenti preliminari

(26) L-ebda produttur mir-Russja, mill-Malasja u mill-Korea ma kkoopera fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, iż-żewġ produtturi esportaturi Torok li kkooperaw kienu jirrappreżentaw madwar 50 % tal-esportazzjonijiet Torok totali tat-TPF lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Dawn kienu jirrappreżentaw madwar 40 % mill-produzzjoni totali stabbilita għat-Turkija matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Għaldaqstant, il-livell ta' kooperazzjoni mit-Turkija tqies baxx.

(27) Il-Kummissjoni informat lill-awtoritajiet tal-erba' pajjiżi kkonċernati kollha kemm huma li, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni tista' tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku rigward is-sejbiet fir-rigward tat-Turkija, tar-Russja, tal-Malasja u tal-Korea. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment jew talba għal intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta mingħand l-awtoritajiet tal-erba' pajjiżi f'dan ir-rigward.

(28) Konsegwentement, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku, is-sejbiet fir-rigward tal-probabbiltà ta' tkomplija jew ta' rikorrenza tad-dumping kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli, b'mod partikolari l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku, bħal siti web uffiċjali tal-kumpaniji, l-informazzjoni fit-talba għal rieżami u l-informazzjoni miksuba mill-partijiet li kkooperaw matul l-investigazzjoni ta' rieżami (jiġifieri l-applikant, il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun u ż-żewġ produtturi esportaturi li kkooperaw). Il-Kummissjoni użat ukoll diversi statistiki dwar l-importazzjonijiet, li jinkludu statistiki dwar l-importazzjonijiet miġbura skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku ("il-bażi ta' *data* tal-Artikolu 14(6)"). Intużat ukoll il-bażi ta' *data* tal-Global Trade Atlas ("GTA") ([10]), u tal-Istati Uniti tal-Amerka ("l-Istati Uniti").

3.2. It-Turkija

3.2.1. *Dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami*

(29) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk l-importazzjonijiet tat-TPF mit-Turkija fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kinux oġġett ta' dumping, fuq il-bażi tad-*data* pprovduta mill-produtturi esportaturi li kkooperaw. Għall-fini ta' kompletezza, id-dumping minn produtturi esportaturi li ma kkooperawx matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ġie eżaminat ukoll, fuq il-bażi tal-fatti disponibbli b'mod partikolari abbażi tad-*data* mill-bażi ta' *data* tal-Artikolu 14(6), aġġustata għall-merkanzija u għall-assigurazzjoni, fuq il-bażi tat-tweġibiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw.

([10]) http://www.gtis.com/gta/secure/default.cfm.

3.2.1.1. Dumping immirat

(30) Fl-investigazzjoni oriġinali l-Kummissjoni sabet li wħud mill-produtturi esportaturi li kkooperaw f'dik l-investigazzjoni kienu qed jipprattikaw dumping immirat, skont it-tifsira tal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku. F'din l-investigazzjoni ta' rieżami, il-Kummissjoni analizzat il-bejgħ tal-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami biex teżamina jekk id-dumping immirat kompliex matul dak il-perjodu, jiġifieri jekk kienx hemm xejra ċara ta' prezzijiet tal-esportazzjoni li varjat b'mod sinifikanti fost ix-xerrejja, ir-reġjuni jew il-perjodi ta' żmien differenti. Ma nstabet ebda indikazzjoni ta' prattiki bħal dawn f'dan ir-rieżami ta' skadenza.

3.2.1.2. Produtturi esportaturi li kkooperaw

Valur normali

(31) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' kull produttur esportatur li kkoopera kienx rappreżentattiv, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku jkun rappreżentattiv jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku tal-prodott simili lil konsumaturi indipendenti fis-suq nazzjonali għal kull produttur esportatur ikun mill-anqas 5 % tal-volum tal-bejgħ totali tiegħu għall-esportazzjoni tal-prodott li qed jiġi rieżaminat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(32) Il-Kummissjoni mbagħad identifikat it-tipi ta' prodott mibjugħin fis-suq domestiku li kienu identiċi jew komparabbli mat-tipi ta' prodott mibjugħin għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni u eżaminat jekk il-bejgħ domestiku minn kull produttur esportatur li kkoopera għal kull tip ta' prodott kienx rappreżentattiv, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott huwa rappreżentattiv jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott lil konsumaturi indipendenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ b'esportazzjoni tal-prodott identiku jew komparabbli lejn l-Unjoni.

(33) Il-Kummissjoni ddefinixxiet il-proporzjon ta' bejgħ bi profitt lil konsumaturi indipendenti fis-suq domestiku għal kull tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami sabiex tiddeċiedi jekk tużax il-prezzijiet propji tal-bejgħ domestiku għall-kalkolu tal-valur normali skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.

(34) Il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku effettiv skont it-tip ta' prodott, irrispettivament minn jekk dak il-bejgħ kienx profittabbli jew le, jekk:

(a) il-volum tal-bejgħ tat-tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett li huwa daqs jew ogħla mill-kost ikkalkulat tal-produzzjoni, jirrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott; u

(b) il-prezz medju ponderat tal-bejgħ ta' dak it-tip ta' prodott ikun daqs jew ogħla mill-kost tal-produzzjoni għal kull unità.

(35) F'dawk il-każijiet, il-valur normali ġie stabbilit bil-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(36) Il-valur normali kien ibbażat fuq il-prezz domestiku effettiv, skont it-tip ta' prodott, tal-bejgħ domestiku profittabbli biss ta' dawk it-tipi ta' prodott matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami jekk:

(a) il-volum tal-bejgħ bi profitt tat-tip ta' prodott jirrappreżenta 80 % jew anqas mill-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip; jew

(b) il-prezz medju ponderat ta' dan it-tip ta' prodott ikun inqas mill-kost tal-produzzjoni għal kull unità.

(37) Fejn ma kien hemm l-ebda bejgħ jew ma kienx hemm biżżejjed bejgħ ta' tip ta' prodott simili fil-kors ordinarju tal-kummerċ, jew fejn tip ta' prodott ma nbiegħx fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali skont l-Artikoli 2(3) u 2(6) tar-Regolament bażiku.

(38) Il-valur normali nħadem billi ġie miżjud dan li ġej mal-kost medju tal-produzzjoni tal-prodott simili ta' kull produttur esportatur li kkoopera matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami:

(a) l-ispejjeż medji ponderati tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("BĠA") mġarrbin minn kull produttur esportatur li kkoopera għall-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami; u

(b) il-profitt medju ponderat magħmul minn kull produttur esportatur li kkoopera mill-bejgħ domestiku tal-prodott simili, fil-kors ordinarju tal-kummerċ, matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

Prezz tal-esportazzjoni

(39) Fil-każijiet kollha, il-prodott li qed jiġi rieżaminat kien esportat lil klijenti indipendenti fl-Unjoni, u għalhekk, il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, jiġifieri fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-esportazzjoni effettivament imħallsa jew pagabbli.

Paragun

(40) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi kif stabbiliti hawn fuq fuq il-bażi tal-prezz mill-fabbrika.

(41) Fejn kien iġġustifikat mill-ħtieġa li jkun żgurat paragun ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-paragonabbiltà tal-prezz, skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Il-valur normali ġie aġġustat għall-kostijiet tal-merkanzija u tal-kreditu, filwaqt li l-prezz tal-esportazzjoni ġie aġġustat għall-kostijiet tal-merkanzija, tal-assigurazzjoni u tal-kreditu.

Dumping mill-produtturi esportaturi li kkooperaw matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami

(42) Għall-produtturi esportaturi li kkoperaw, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat għal kull tip tal-prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott li qed jiġi rieżaminat, b'konformità mal-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(43) Għaż-żewġ produtturi esportaturi li kkooperaw, il-paragun bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni ma wera ebda dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

3.2.1.3. Il-produtturi esportaturi li ma kkooperawx

(44) Il-Kummissjoni eżaminat id-dumping minn produtturi esportaturi li ma kkooperawx billi użat il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

Valur normali

(45) Il-Kummissjoni ma setgħetx tuża l-valur normali medju ponderat stabbilit għall-produtturi esportaturi li kkooperaw, peress li dan kien ibbażat fuq biċċiet filwaqt li l-prezz tal-esportazzjoni meħud mill-bażi ta' *data* tal-Artikolu 14(6) kien ibbażat fuq tunnellati. Għaldaqstant, il-Kummissjoni użat il-valur normali pprovdut mill-applikant bħala aktar rappreżentattiv għall-pajjiż fis-sħuħija tiegħu. Fi kwalunkwe każ, kif intqal qabel, l-użu tal-valur normali medju ponderat tal-produtturi esportaturi li kkooperaw ma jbiddilx is-sejbiet tal-Kummissjoni rigward in-nuqqas ta' dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

Prezz tal-esportazzjoni

(46) Biex tistabbilixxi l-prezz medju tal-esportazzjoni għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx fit-Turkija, il-Kummissjoni użat *data* mill-bażi ta' *data* tal-Artikolu 14(6), filwaqt li eskludiet iċ-ċifri tal-importazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperarw.

Paragun

(47) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi fuq il-bażi tal-prezz mill-fabbrika.

(48) Il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għal differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabilità tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni ġew aġġustati għall-kostijiet tal-merkanzija, tal-assigurazzjoni u tal-kreditu, ikkalkulati fuq il-bażi tad-*data* pprovduta mill-produtturi esportaturi li kkooperaw.

Dumping mill-prodotturi esportaturi li ma kkooperawx matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami

(49) Il-Kummissjoni ma sabet ebda dumping peress li l-prezz tal-esportazzjoni kien ferm ogħla mill-valur normali. Barra minn hekk, il-prezz medju tal-esportazzjoni tal-prodotturi esportaturi li ma kkooperawx kien ogħla mill-prezz medju tal-esportazzjoni tal-prodotturi esportaturi li kkooperaw. B'hekk, lanqas li kieku ntuża l-valur normali medju ponderat tal-prodotturi esportaturi li kkooperaw ma kien jirriżulta dumping.

3.2.2. *Il-probabbiltà ta' rikorrenza tad-dumping*

(50) Peress li ma ġie stabbilit ebda dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-Kummissjoni analizzat jekk kienx hemm probabbiltà ta' rikorrenza tad-dumping, f'każ li l-miżuri fuq l-importazzjonijiet tat-TPF mit-Turkija jitħallew jiskadu. Waqt dan, saret analiżi tal-elementi li ġejjin: il-prezz ta' esportazzjoni għal destinazzjonijiet oħra, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-kapaċità żejda fit-Turkija u l-attrattività tas-suq tal-Unjoni.

3.2.2.1. Esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi oħrajn

(51) Il-Kummissjoni eżaminat l-imġiba tal-prezzijiet tal-esportaturi Torok lejn pajjiżi terzi oħra, abbażi tal-istatistika tal-esportazzjoni Torka, li hija fil-livell ta' kodiċi bi tmien figuri ([11]). Il-Kummissjoni kkonsultat dawn l-istatistiki, peress li ż-żewġ prodotturi esportaturi li kkooperaw ma kinux jesportaw lejn pajjiżi terzi matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(52) Fuq il-bażi tal-istatistiki tal-esportazzjonijiet tal-GTA, għad li l-Unjoni hi l-aktar suq tal-esportazzjoni sinifikanti għall-prodotturi Torok, dawn l-esportazzjonijiet kienu jirrappreżentaw 13 % biss mill-produzzjoni stmata tat-TPF fit-Turkija, kif deskritt fil-premessa (53) aktar 'il quddiem. Għaldaqstant, is-suq domestiku Tork għadu l-fokus ewlieni tal-prodotturi Torok tat-TPF. L-analiżi tal-Kummissjoni tal-istatistiki Torok dwar l-esportazzjonijiet uriet ukoll li l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi kienu negliġibbli ([12]) u li l-varjazzjonijiet fil-prezzijiet tat-tip tal-prodott kienu sinifikanti tant li rendew il-prezz unitarju medju f'dawk il-pajjiżi terzi u kwalunkwe tqabbil mal-prezz unitarju medju fis-suq tal-Unjoni mhux rappreżentattiv u inutli.

3.2.2.2. Kapaċità tal-produzzjoni tat-Turkija

(53) Fuq il-bażi tat-talba, it-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-kumpaniji li kkooperaw u sottomissjoni mill-Assoċjazzjoni Torka tal-Esportaturi tal-Azzar, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-kapaċità tal-produzzjoni tat-Turkija għal madwar 35 000 tunnellata. Fuq il-bażi tal-istess sett ta' *data*, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-kapaċità ta' riżerva tat-TPF fit-Turkija għal madwar 23 000 tunnellata. Filwaqt li dan għadu qrib nofs il-konsum tal-Unjoni tat-TPF matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (53 000 tunnellata), kif stabbilit fil-premessi (54) sa (55), hu improbabbli li dawn il-kapaċitajiet ta' riżerva ser ikunu mmirati lejn is-suq tal-Unjoni fi kwantitajiet kbar li kieku l-miżuri jitħallew jiskadu. Ta' min jinnota wkoll li l-kapaċitajiet ta' riżerva fit-Turkija huma ferm anqas mil-livelli li nstabu fil-pajjiżi kkonċernati l-oħra, li ġew stmati għal 50 000 tunnellata għar-Russja, 112 000 tunnellata għall-Korea u 44 000 tunnellata għall-Malasja.

3.2.2.3. L-attrattività tas-suq tal-Unjoni

(54) Minkejja li huma attribwiti bil-bosta l-anqas dazju meta mqabbla mad-dazju anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi rieżaminat minn pajjiżi oħra soġġetti għall-miżuri ([13]), il-prodotturi Torok tat-TPF ma sfruttawx dan il-vantaġġ relattiv, kif huwa kkonfermat mill-volumi relattivament baxxi esportati lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. B'hekk, filwaqt li l-prodotturi Torok tat-TPF għadhom preżenti fis-suq tal-Unjoni tat-TPF, l-attrattività tiegħu għal dawn il-prodotturi kienet limitata.

(55) Il-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq jidhru li huma kkonfermati mill-imġiba ta' wieħed mill-akbar prodotturi tat-TPF fit-Turkija, li s-sitwazzjoni tiegħu ġiet determinata bħala indikatur tajjeb ta' dak li jista' jseħħ li kieku jitwaqqfu l-miżuri għat-Turkija. Il-kumpanija ġiet attribwita l-anqas dazju anti-dumping (2,9 %). Minkejja dan id-dazju relattivament baxx, b'mod partikolari meta mqabbel ma' dak tal-kompetituri tagħha, hija ma żiditx il-bejgħ tal-esportazzjonijiet tagħha lejn l-Unjoni, li kien saħansitra anqas fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami meta mqabbel mal-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali. Fl-istess ħin, il-bejgħ domestiku tagħha baqa' bejn wieħed u ieħor fl-istess livell meta mqabbel maż-żmien ta' qabel l-impożizzjoni tal-miżuri definittivi.

([11]) Kodiċijiet bi tmien figuri jippermettu ffokar aktar preċiż tal-istatistiki tal-kummerċ fuq il-prodott li qed jiġi rieżaminat meta mqabbla ma' kodiċijiet b'sitt figuri. Għaldaqstant, iċ-ċifri bbażati fuq kodiċijiet bi tmien figuri huma eqreb lejn il-valur u l-volum tal-kummerċ tal-prodott li qed jiġi rieżaminat.

([12]) L-akbar tlieta fosthom kienu t-Turkmenistan, il-Georgia u l-Ażerbajġan, li kienu jirrappreżentaw madwar 0,7 %, 0,5 % u 0,3 % mill-produzzjoni stmata totali tat-TPF fit-Turkija fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, rispettivament.

([13]) Hemm dazji anti-dumping imposti fuq l-importazzjonijiet tat-TPF li joriġinaw miċ-Ċina fil-livell ta' 58,6 % (li jestendu għat-Tajwan, għall-Indoneżja, għas-Sri Lanka u għall-Filippini), filwaqt li d-dazji anti-dumping imposti fuq l-importazzjonijiet tat-TPF li joriġinaw mill-Korea t'Isfel, mill-Malasja u mir-Russja jvarjaw bejn 23,8 % u 75 %. Meta mqabbla, id-dazji anti-dumping imposti għall-importazzjonijiet tat-TPF li joriġina mit-Turkija jvarjaw bejn 2,9 % u 16,7 %.

3.2.2.4. Konklużjoni dwar ir-rikorrenza tad-dannu

(56) Filwaqt li hemm kapaċità ta' produzzjoni ta' riżerva tat-TPF fit-Turkija, il-Kummissjoni ma sabet ebda indikazzjoni li l-kapaċità ta' riżerva kieku tintuża għal esportazzjonijiet lejn l-Unjoni fi kwantitajiet sinifikanti, anki fid-dawl tan-nuqqas ta' interess fis-suq tal-Unjoni li wrew il-produtturi Torok matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, minkejja l-vantaġġ relattiv tagħhom biex jaċċessaw is-suq tal-Unjoni. Din is-sejba hi ssostanzjata ulterjorment mill-fatt li l-produtturi Torok, li jibbenefikaw minn dazji anti-dumping baxxi fl-Unjoni, li jagħtuhom vantaġġ komparattiv relattiv meta mqabbla ma' produtturi esportaturi oħra, ma użawx din l-opportunità biex iżidu s-sehem mis-suq tagħhom. Fl-aħħar nett, hu improbabbli li kwalunkwe esportazzjoni lejn l-Unjoni ssir fil-livelli ta' dumping, peress li l-esportazzjonijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ma sarux fil-livelli ta' dumping. Il-Kummissjoni ma sabet ebda indikazzjoni li l-esportazzjonijiet futuri jkunu fil-livelli tal-prezz oġġett ta' dumping. Fuq din il-bażi, hu mistenni li, anki jekk l-esportazzjonijiet Torok jistgħu jiżdiedu li kieku titneħħa l-miżura, din iż-żieda ma tkunx f'xi kwantitajiet sinifikanti u fi kwalunkwe każ mhux f'livelli tal-prezz oġġett ta' dumping.

(57) Fid-dawl ta' dan li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma hemm ebda probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping mit-Turkija jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

3.3. **Ir-Russja**

(58) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk kienx probabbli li jitkompla jew jerġa' jseħħ id-dumping mal-iskadenza tal-miżuri fis-seħħ.

3.3.1. *Dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami*

3.3.1.1. Kummenti preliminari

(59) L-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi Russi ma kkoopera mal-investigazzjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni użat il-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku biex tistabbilixxi t-tkomplija jew ir-rikorrenza tad-dumping. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni użat *data* statistika (jiġifieri l-bażi ta' *data* tal-Artikolu 14(6) u l-istatistiki tal-GTA dwar l-esportazzjonijiet), kif ukoll l-informazzjoni pprovduta mill-applikant fit-talba għal rieżami.

(60) Fil-kummenti tiegħu dwar id-divulgazzjoni finali, il-Gvern Russu argumenta li l-informazzjoni użata mill-Kummissjoni biex tikkalkula l-marġni ta' dumping kienet ibbażata biss fuq it-talba għal rieżami, ma kinitx ġiet iċċekkjata kif suppost u ma tirriflettix is-sitwazzjoni reali fis-suq Russu. Kif iddikjarat fil-premessa (59), l-ebda wieħed mill-produtturi esportaturi Russi ma kkoopera fl-investigazzjoni tar-rieżami minkejja li kienu mistiedna jagħmlu dan. Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li qed isostni l-Gvern Russu, meta użat il-fatti disponibbli l-Kummissjoni mhux biss użat l-informazzjoni pprovduta mill-applikant iżda ddependiet ukoll fuq *data* statistika oħra minn sorsi indipendenti. Dan l-argument huwa għalhekk miċħud.

3.3.1.2. It-tkomplija tad-dumping lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami

Valur normali

(61) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, il-valur normali ġie bbażat fuq *data* pprovduta mill-applikant fit-talba għal rieżami, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

Prezz tal-esportazzjoni

(62) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, il-prezz medju tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-bażi ta' *data* tal-Artikolu 14(6). Ma kien hemm ebda informazzjoni disponibbli biex issir distinzjoni bejn tipi ta' prodotti fil-bażi ta' *data* tal-Artikolu 14(6). Għaldaqstant intuża l-prezz medju tal-esportazzjonijiet tat-tipi kollha tal-prodott.

(63) Fil-kummenti tiegħu dwar id-divulgazzjoni finali, il-Gvern Russu sostna li l-prezz tal-esportazzjoni kien ġie kkalkulat b'mod selettiv fuq il-bażi tad-*data* dwar l-esportazzjoni Russa lejn ir-Repubblika Ċeka biss. Dan huwa żbaljat. Meta stabbilixxiet il-prezz tal-esportazzjoni, il-Kummissjoni użat l-esportazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi rieżaminat lejn l-Istati Membri kollha matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, kif irreġistrat fil-bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6), mhux biss lejn ir-Repubblika Ċeka. Dan l-argument huwa għalhekk miċħud.

Paragun

(64) Il-valur normali medju ponderat tqabbel mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat, skont l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku.

(65) Biex jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, tqiesu d-differenzi fil-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet u t-tqabbil tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. F'dan ir-rigward, il-kost tat-trasport u l-assigurazzjoni, li ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-applikant fit-talba għal rieżami, tnaqqsu mill-prezz tal-esportazzjoni.

Marġni tad-dumping

(66) Tqabbil tal-valur normali medju u tal-prezz medju tal-esportazzjoni aġġustati kif xierqa għal-livell tal-prezz mill-fabbrika kif deskritt aktar 'il fuq, espress bħala perċentwal tal-prezz fil-fruntiera tal-Unjoni tal-Kost, Assigurazzjoni u Nol (cost, insurance, freight, CIF), irriżulta f'marġni tad-dumping ta' 41,8 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Għaldaqstant, il-Kummissjoni sabet li d-dumping tkompla matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Madankollu, il-livell tal-importazzjonijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien relattivament limitat, u jirrappreżenta 0,9 % tal-konsum totali tal-Unjoni matul dak il-perjodu, skont il-bażi ta' *data* tal-Artikolu 14(6). Madankollu, il-Kummissjoni kkunsidrat din l-informazzjoni bħala l-aħjar informazzjoni disponibbli biex tikkonkludi li d-dumping kompla matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

3.3.2. Il-probabbiltà ta' tkomplija jew ta' rikorrenza tad-dumping jekk jitħassru l-miżuri fuq l-importazzjonijiet mir-Russja

(67) Kif stabbilit aktar 'il fuq, l-importazzjonijiet tat-TPF mir-Russja nstabu li kienu oġġett ta' dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Il-Kummissjoni analizzat ulterjorment jekk id-dumping misjub matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kienx probabbli li jkompli jekk il-miżuri anti-dumping attwali fuq importazzjonijiet ta' TPF mir-Russja jitħallew jiskadu. Għas-saħħa tal-kompletezza, il-Kummissjoni analizzat ukoll jekk id-dumping misjub kienx probabbli li jerġa' jseħħ jekk il-miżuri anti-dumping attwali fuq importazzjonijiet ta' TPF mir-Russja jitħallew jiskadu. Waqt dan, saret analiżi tal-elementi li ġejjin: il-prezz tal-esportazzjoni lejn destinazzjonijiet oħra, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-Russja u l-attrattività tas-suq tal-Unjoni.

3.3.2.1. Esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi

(68) Skont l-istatistiki tal-GTA dwar l-esportazzjonijiet, żewġ swieq tal-esportazzjoni biss, minbarra l-Unjoni (li tirrappreżenta madwar 12 % tal-esportazzjonijiet tagħha), huma ta' importanza għall-produtturi tat-TPF mir-Russja. Dawn huma l-Każakistan (madwar 46 % tal-esportazzjonijiet kollha) u l-Belarus (madwar 26 % tal-esportazzjonijiet totali). Madankollu, l-informazzjoni dwar il-bejgħ ta' esportazzjoni lejn dawn il-pajjiżi hija disponibbli biss fil-livell ta' kodiċi b'sitt figuri u għalhekk tinkludi prodotti oħra minbarra l-prodott ikkonċernat. Għaldaqstant, il-konklużjonijiet dwar il-volumi tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi oħra fuq il-bażi tal-istatistiki tal-GTA dwar l-esportazzjonijiet jistgħu jiġu kkunsidrati bħala indikattivi biss. Bl-istess mod, il-prezzijiet medji stabbiliti fuq din il-bażi jkunu jinkludu wkoll prodotti oħra minbarra l-prodott li qed jiġi rieżaminat, li jista' jkollhom valuri unitarji differenti, u kwalunkwe konklużjoni bbażata fuqhom tkun teħtieġ li titqies indikattiva wkoll.

(69) Fil-kummenti tiegħu dwar id-divulgazzjoni finali, il-Gvern Russu allega li ma kien ikun hemm l-ebda dumping li kieku l-Kummissjoni użat il-bejgħ tal-produtturi ATP Russi lejn pajjiżi terzi, minflok l-esportazzjonijiet Russi lejn l-Unjoni, kif irreġistrati fil-bażi ta' *data* tal-Artikolu 14(6). Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi, il-Kummissjoni ma setgħetx teżamina ċ-ċifri attwali tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi. Barra minn hekk, iċ-ċifri invokati mill-Gvern Russu għal din it-talba huma bbażati fuq kodiċi b'sitt ċifri (li jinkludi prodotti oħra minbarra l-prodott li qed jiġi rieżaminat kif spjegat hawn fuq fil-premessa (68)). L-analiżi li għamlet il-Kummissjoni fil-premessa (66) hija bbażata fuq il-bażi tad-*data* tal-Artikolu 14(6), li, għalkemm ma tiddistingwix bejn it-tipi ta' prodott, tagħti *data* preċiża dwar l-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi rieżaminat. Dan l-argument huwa għalhekk miċħud.

3.3.2.2. Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva

(70) Skont il-fatti disponibbli inklużi fit-talba għal rieżami, ir-Russja għandha kapaċità ta' produzzjoni stmata ta' 90 000 tunnellata u kapaċità ta' riżerva stmata ta' 50 000 tunnellata. Għaldaqstant, il-kapaċità ta' riżerva tar-Russja hi kważi daqs il-konsum sħiħ mill-Unjoni tat-TPF.

3.3.2.3. L-attrattività tas-suq tal-Unjoni

(71) It-TPF jintuża prinċipalment fl-industrija taż-żejt u tal-gass, fil-kostruzzjoni, fil-ġenerazzjoni tal-enerġija, fil-bini tal-bastimenti u fl-istallazzjonijiet industrijali. L-ebda fatt disponibbli ma jindika tkabbir jew tnaqqis sostanzjali ta' dawn is-setturi fir-Russja u, għalhekk, is-suq domestiku Russu għat-TPF hu meqjus li se jibqa' pjuttost stabbli fis-snin li ġejjin u hu improbabbli li joffri xi possibbiltà ta' espansjoni sostanzjali għat-TPF mir-Russja. Minbarra r-Russja, is-swieq tal-esportazzjonijiet ewlenin għal dawn l-industriji huma l-Unjoni, il-Każakistan u l-Belarus. Ma

hemm ebda informazzjoni disponibbli li tissuġġerixxi li d-domanda fuq xi wieħed minn dawk is-swieq se tonqos jew tiżdied b'mod sinifikanti fis-snin li ġejjin. Skont l-informazzjoni pprovduta mill-applikant, hemm kapaċità eċċessiva dinjija tat-TPF u s-suq tal-Unjoni hu wieħed mill-akbar swieq fid-dinja u, għalhekk, hu destinazzjoni attraenti għall-esportazzjonijiet.

(72) Fil-kummenti tiegħu dwar id-divulgazzjoni finali, il-Gvern Russu sostna li l-konsum domestiku Russu kif ukoll id-domanda prevista għat-TPF urew xejra moderata 'l fuq (2 % u 2,4-2,8 % rispettivament). Ta' min jinnota li l-Gvern Russu naqas milli jsostni dawn iċ-ċifri b'sett ta' *data* verifikabbli. Fi kwalunkwe każ, anki meta jittieħdu ċ-ċifri msemmija kif inhuma, dawn huma konsistenti mas-sejbiet tal-Kummissjoni li s-sitwazzjoni fis-suq Russu għall-prodott li qed jiġi rieżaminat hija pjuttost stabbli u x'aktarx li ma toffri l-ebda possibbiltà ta' espansjoni sostanzjali għat-TPF Russu. Dan l-argument huwa għalhekk miċħud.

(73) Il-produtturi esportaturi Russi tat-TPF ma kkooperawx ma' din l-investigazzjoni. Ma hemm ebda informazzjoni statistika valida dwar il-prezzijiet disponibbli fuq il-bejgħ tat-TPF mir-Russja fi swieq ta' pajjiżi terzi oħra jew fis-suq domestiku fir-Russja. Għaldaqstant, il-livelli tal-prezzijiet f'dawn is-swieq ma setgħux jiġu stabbiliti matul l-investigazzjoni.

(74) Fid-dawl tad-dazji anti-dumping fis-seħħ, il-produtturi Russi kienu kważi waqqfu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni. L-investigazzjoni wriet li l-importazzjonijiet Russi kienu prattikament assenti mis-suq tal-Unjoni fl-2014 u fl-2015. Ir-Russja reġgħet bdiet l-esportazzjonijiet tagħha lejn l-Unjoni (li barra minn hekk kienu oġġett ta' dumping minkejja d-dazji għoljin fis-seħħ) fl-2016 biss u kompliet iżżidhom aktar fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(75) Jekk id-dazju jitħalla jiskadi, l-esportazzjonijiet Russi jkunu jistgħu jaċċessaw is-suq tal-Unjoni mingħajr ostakli. Fid-dawl tal-kapaċitajiet ta' riżerva kbar tar-Russja, flimkien mal-kapaċità eċċessiva globali, il-Kummissjoni qieset li ma jistax jiġi eskluż li dan ikun iwassal għal żieda sinifikanti fl-esportazzjonijiet mir-Russja lejn l-Unjoni, li hi dovuta wkoll għall-qrubija tagħha lejn suq tal-esportazzjoni potenzjali importanti għar-Russja. Barra minn hekk, l-esportazzjonijiet Russi lejn l-Unjoni x'aktarx li se jkunu bi prezzijiet oġġett ta' dumping kif stabbilit fil-premessa (66).

3.3.2.4. Konklużjoni dwar il-probabbiltà tat-tkomplija jew, fi kwalunkwe każ, il-probabbiltà tar-rikorrenza tad-dumping

(76) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-dumping x'aktarx li jkompli fil-futur jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li kien hemm probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping. Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni tista' biss tanalizza d-*data* dwar l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi fil-livell ta' kodiċi b'sitt figuri. Din l-analiżi ma setgħetx titqies bħala konklużiva għar-raġunijiet spjegati fil-premessa (68). Madankollu, meta wieħed iqis il-kapaċità żejda kbira fir-Russja, il-livelli tal-prezz tat-TPF li huma l-oġġett ta' dumping lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, flimkien mal-attrattività tas-suq tal-Unjoni għall-produtturi Russi tat-TPF, li huwa suq potenzjali ewlieni tal-esportazzjoni għar-Russja, il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li kwantitajiet sinifikanti ta' TPF x'aktarx jidħlu fis-suq tal-Unjoni f'livelli ta' prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(77) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, abbażi tal-fatti disponibbli, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-iskadenza tal-miżuri anti-dumping fuq it-TPF mir-Russja x'aktarx li twassal għal tkomplija u fi kwalunkwe każ għal rikorrenza ta' dumping.

3.4. **Il-Korea**

(78) L-ebda produttur Korean ma kkoopera matul l-investigazzjoni. Għaldaqstant, il-probabbiltà ta' tkomplija ta' jew ta' rikorrenza tad-dumping kienet ibbażata fuq il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni użat it-talba, l-istatistiki tal-GTA dwar l-esportazzjonijiet u l-istatistiki tal-Istati Uniti dwar l-importazzjonijiet.

3.4.1. *It-tkomplija tad-dumping fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami*

(79) L-esportazzjonijiet mill-Korea kienu negliġibbli (anqas minn 40 tunnellata) matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u, għalhekk, ma tqisux rappreżentattivi. L-analiżi ffokat fuq ir-rikorrenza tad-dumping mill-Korea fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

3.4.2. *Evidenza tal-probabbiltà ta' rikorrenza tad-dumping*

(80) Il-Kummissjoni analizzat jekk kienx hemm probabbiltà ta' rikorrenza tad-dumping f'każ li l-miżuri jiskadu. Waqt dan, saret analiżi tal-elementi li ġejjin: il-prezzijiet tal-esportazzjoni mill-Korea lejn destinazzjonijiet oħra, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fil-Korea u l-attrattività tas-suq tal-Unjoni.

3.4.2.1. Esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi

(81) Biex teżamina l-imġiba probabbli tal-produtturi tat-TPF mill-Korea fir-rigward tas-suq tal-Unjoni, li kieku l-miżuri jitħallew jiskadu, il-Kummissjoni qieset l-imġiba tal-esportazzjoni mill-Korea lejn is-suq tal-Istati Uniti. Il-Kummissjoni għażlet lill-Istati Uniti peress li, għall-kuntrarju ta' kwalunkwe destinazzjoni oħra tal-esportazzjonijiet Koreani, dak is-suq hu ta' daqs simili għas-suq tal-Unjoni, b'ħafna produtturi domestiċi iżda b'sehem kbir ukoll ta' importazzjonijiet u b'rati baxxi ta' tariffi fuq l-importazzjonijiet, li jagħmluh suq kompetittiv ħafna. Barra minn hekk, l-Istati Uniti hija l-ewwel destinazzjoni għall-esportazzjonijiet mill-Korea, u tirrappreżenta madwar 27 % tal-esportazzjonijiet tat-TPF fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ([14]), bi statistika relattivament dettaljata ([15]). Finalment, dan l-approċċ hu identiku għal dak applikat fir-rieżami ta' skadenza ta' qabel għall-Korea li ssemma fil-premessa (1).

Valur normali

(82) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, il-valur normali ġie bbażat fuq *data* pprovduta mill-applikant fit-talba għal rieżami, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(83) Għall-fini ta' kompletezza, il-Kummissjoni użat ukoll l-elenku tal-prezzijiet domestiċi pprovdut mill-applikant fit-talba għal rieżami bħala metodu alternattiv biex tiddetermina l-valur normali. Minkejja dan, bl-użu ta' kwalunkwe wieħed mill-valuri normali, is-sejbiet tal-Kummissjoni fuq id-dumping baqgħu pożittivi. Fil-fatt, l-użu tal-elenku tal-prezzijiet domestiċi rriżulta fis-sejbien ta' marġini tad-dumping ogħla.

Prezz tal-esportazzjoni

(84) Il-prezzijiet tal-esportazzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ġew stabbiliti fuq il-bażi ta' *data* disponibbli pubblikament, jiġifieri l-istatistiki doganali tal-Istati Uniti. Fuq il-bażi tal-metodoloġija żviluppata mill-applikant fit-talba għal rieżami, il-Kummissjoni aġġustat l-istatistiki biex teskludi t-tipi ta' prodotti, li ma kinux inklużi fil-valur normali mibni kif deskritt aktar 'il fuq, biex ikun hemm komparabbiltà aħjar.

Paragun

(85) Il-valur normali medju ponderat tqabbel mal-prezz medju ponderat tal-esportazzjoni kif stabbilit aktar 'il fuq, f'konformità mal-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, it-tnejn li huma fil-livell tal-prezz mill-fabbrika.

(86) Biex jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, tqiesu d-differenzi fil-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet u t-tqabbil tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-prezz tal-esportazzjoni ġie aġġustat għall-kostijiet tat-trasport, tal-assigurazzjoni u tal-imballaġġ stmati mill-applikant fit-talba għal rieżami biex il-valuri miksuba mill-istatistiki tal-Istati Uniti dwar l-importazzjonijiet fuq bażi CIF jingħiebu għal-livell tal-prezz mill-fabbrika.

Il-marġni tad-dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami

(87) Tqabbil tal-valur normali medju u tal-prezz tal-esportazzjoni medju aġġustat kif xieraq għal-livell tal-prezz mill-fabbrika kif deskritt hawn fuq, espress bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Istati Uniti rriżulta f'marġni tad-dumping ta' 7,2 % għal valur normali mibni u ta' 9,1 % għal meta ntuża l-elenku tal-prezzijiet domestiċi. Barra minn hekk, kif spjegat b'mod ulterjuri fil-premessa (90) hawn taħt, reċentement instab li l-produtturi Koreani ta' ċerti TPF (tagħmir tal-iwweldjar tarf ma' tarf tal-azzar bil-karbonju) nstab li kienu qed iwettqu dumping tal-prodott tagħhom fil-Ġappun.

3.4.2.2. Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva

(88) Skont il-fatti disponibbli fit-talba għal rieżami, il-Korea għandha kapaċità ta' produzzjoni ta' 160 000 tunnellata u kapaċità ta' produzzjoni ta' riżerva ta' 112 000 tunnellata. Din il-kapaċità ta' riżerva hi d-doppju tal-konsum sħiħ tal-Unjoni. Skont it-talba, sa mill-introduzzjoni tad-dazji definittivi fl-2002, il-kapaċità ta' produzzjoni tat-TPF tal-Korea ġiet estiża b'mod sinifikanti, minn 10 000 tunnellata stmati għal 160 000 tunnellata stmati matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

([14]) Id-destinazzjonijiet ewlenin l-oħra matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kienu l-Arabja Sawdija, l-Emirati Għarab Magħquda u ċ-Ċina, li jirrappreżentaw 16 %, 5 % u 4 % rispettivament tal-esportazzjonijiet Koreani tat-TPF.

([15]) L-istatistiki tal-Istati Uniti dwar l-importazzjonijiet huma bbażati fuq kodiċijiet bi tmien figuri, li jippermettu ffokar aktar preċiż tal-istatistiki tal-kummerċ fuq il-prodott li qed jiġi rieżaminat meta mqabbla ma' kodiċijiet b'sitt figuri. Għaldaqstant, iċ-ċifri bbażati fuq kodiċijiet bi tmien figuri huma eqreb lejn il-valur u l-volum tal-kummerċ tal-prodott li qed jiġi rieżaminat.

3.4.2.3. L-attrattività tas-suq tal-Unjoni

(89) L-ebda fatt disponibbli ma jindika żieda jew tnaqqis sostanzjali tas-setturi li jużaw it-TPF fil-Korea u, għalhekk, is-suq domestiku Korean għat-TPF hu meqjus li se jibqa' pjuttost stabbli għas-snin li ġejjin u ma joffri l-ebda possibbiltà ta' espansjoni sostanzjali għall-produtturi Koreani tat-TPF. Minbarra l-Istati Uniti, is-swieq tal-esportazzjoni ewlenin l-oħra għall-produtturi Koreani tat-TPF huma l-Lvant Nofsani u x-Xlokk tal-Asja. L-ebda informazzjoni disponibbli matul l-investigazzjoni ma tissuġġerixxi li d-domanda f'xi wieħed minn dawk is-swieq se tiżdied b'mod sinifikanti fis-snin li ġejjin.

(90) Barra minn hekk, fil-31 ta' Marzu 2018, il-Ġappun impona dazji anti-dumping definittivi, li varjaw bejn 41,8 % u 63,2 % fuq l-importazzjonijiet tal-fittings tal-iwweldjar għall-ġonġiment tal-azzar tal-karbonju mill-Korea. Suq miftuħ tal-Unjoni jkun mira perfetta għad-diverżjoni ta' dawk l-esportazzjonijiet.

(91) L-investigazzjoni wriet li s-suq tat-TPF tal-Unjoni huwa attraenti għall-esportazzjonijiet Koreani, peress li għadu mhux sfruttat b'mod sħiħ minnhom, fid-dawl tad-dazji għoljin fis-seħħ (minn 32,4 %, għal produttur wieħed, għal 44 % għall-oħrajn). Għad li l-esportazzjonijiet tagħhom waqfu wara l-introduzzjoni tal-miżuri fl-2002, l-industrija Koreana tat-TPF għadha ferm dipendenti fuq l-esportazzjonijiet. B'kapaċitajiet eċċessivi fix-Xlokk tal-Asja, bid-dazji anti-dumping fil-Ġappun u b'esportazzjonijiet diġà sinifikanti lejn l-Istati Uniti, is-suq tal-Unjoni jkun jirrappreżenta suq tal-esportazzjoni potenzjali importanti ieħor għall-kapaċitajiet eċċessivi Koreani, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

3.4.2.4. Konklużjoni dwar il-probabbiltà tar-rikorrenza tad-dumping

(92) Fid-dawl tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni u ta' riżerva, tal-prattiki tal-prezzar tal-produtturi Koreani fis-suq tal-Istati Uniti u tal-attrattività tas-suq tal-Unjoni għall-produtturi Koreani tat-TPF, hu ferm probabbli li l-produtturi Koreani tat-TPF jesportaw kwantitajiet sinifikanti tat-TPF lejn l-Unjoni bi prezzijiet oġġett ta' dumping, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Fid-dawl taż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u fil-kapaċità ta' riżerva mindu ddaħħlu oriġinarjament il-miżuri, il-livell ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping jista' jkun ferm ogħla minn dak li kien qabel ma ġew imposti l-miżuri definittivi. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà ta' rikorrenza tad-dumping jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

3.5. **Il-Malasja**

(93) L-ebda produttur Malasjan ma kkoopera matul l-investigazzjoni. Għaldaqstant, il-probabbiltà ta' tkomplija jew ta' rikorrenza tad-dumping kien ibbażat fuq il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni użat it-talba, l-istatistiki tal-GTA dwar l-esportazzjonijiet u l-istatistiki tal-Istati Uniti dwar l-importazzjonijiet.

3.5.1. *It-tkomplija tad-dumping fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami*

(94) Skont il-bażi ta' *data* tal-Artikolu 14(6), l-importazzjonijiet mill-Malasja kienu negliġibbli (anqas minn 10 tunnellati) matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u, għalhekk, ma tqisux rappreżentattivi. L-analiżi ffokat fuq ir-rikorrenza tad-dumping mill-Malasja fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

3.5.2. *Evidenza tal-probabbiltà ta' rikorrenza tad-dumping*

(95) Il-Kummissjoni analizzat jekk kienx hemm probabbiltà ta' rikorrenza tad-dumping f'każ li l-miżuri jiskadu. Waqt dan, saret analiżi tal-elementi li ġejjin: il-prezzijiet tal-esportazzjoni mill-Malasja għal destinazzjonijiet oħra, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-kapaċità żejda fil-Malasja u l-attrattività tas-suq tal-Unjoni.

3.5.2.1. Esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi

(96) Biex teżamina l-imġiba probabbli tal-produtturi tat-TPF fil-Malasja, il-Kummissjoni eżaminat l-esportazzjonijiet tal-Malasja lejn l-Istati Uniti. Dan l-approċċ hu identiku għal dak applikat fir-rieżami ta' skadenza ta' qabel għall-Malasja li ssemma fil-premessa (1). Il-Kummissjoni għażlet lill-Istati Uniti peress li s-suq tal-Istati Uniti hu ta' daqs simili għal dak tal-Unjoni, b'ħafna produtturi domestiċi iżda b'sehem kbir ukoll ta' importazzjonijiet u b'rati baxxi ta' tariffi fuq l-importazzjonijiet, li jagħmluh suq kompetittiv ħafna. Barra minn hekk, is-suq tal-Istati Uniti hu bil-bosta l-aktar suq tal-esportazzjoni importanti għall-Malasja. Skont l-istatistiki tal-GTA dwar l-esportazzjonijiet, il-volum tal-esportazzjonijiet lejn l-Istati Uniti kien ta' kważi 19 000 tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-

rieżami, li jirrappreżenta madwar 90 % tal-esportazzjonijiet totali tat-TPF mill-Malasja matul dak il-perjodu. Il-volum ta' esportazzjoni lejn l-Istati Uniti huwa wkoll ogħla mill-istima totali tal-produzzjoni Malasjana ([16]). Is-swieq tal-esportazzjoni ewlenin l-oħra għall-produtturi Malasjani tat-TPF huma l-Messiku, it-Turkija u l-Kanada, li jirrappreżentaw 4 %, 3 % u 1 % mill-esportazzjonijiet tat-TPF tagħhom, rispettivament.

Valur normali

(97) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, il-valur normali ġie bbażat fuq *data* pprovduta mill-applikant fit-talba għal rieżami, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

Prezz tal-esportazzjoni

(98) Il-prezzijiet tal-esportazzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ġew stabbiliti fuq il-bażi ta' *data* disponibbli pubblikament, jiġifieri l-istatistiki doganali tal-Istati Uniti. Fuq il-bażi tal-metodoloġija żviluppata mill-applikant fit-talba għal rieżami, il-Kummissjoni aġġustat l-istatistiki biex teskludi t-tipi ta' prodotti, li ma kinux inklużi fil-valur normali mibni kif deskritt aktar 'il fuq, fid-dawl ta' komparabbiltà aħjar.

Paragun

(99) Il-valur normali medju ponderat kien imqabbel mal-prezz medju ponderat tal-esportazzjoni tat-TPF, skont l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, it-tnejn f'livell tal-prezz mill-fabbrika.

(100) Biex jiġi żgurat tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, tqiesu d-differenzi fil-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet u t-tqabbil tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Għalhekk, il-prezz tal-esportazzjoni ġie aġġustat għall-kostijiet tat-trasport, tal-assigurazzjoni u tal-imballaġġ stmati mill-applikant fit-talba għal rieżami biex il-valuri miksuba mill-istatistiki tal-Istati Uniti dwar l-importazzjonijiet fuq bażi CIF jingiebu għal-livell tal-prezz mill-fabbrika.

Il-marġni tad-dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami

(101) Tqabbil tal-valur normali medju u tal-prezz medju tal-esportazzjoni aġġustati kif xieraq għal-livell tal-prezz mill-fabbrika kif deskritt aktar 'il fuq, espress bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Istati Uniti, irriżulta fil-każijiet kollha f'marġni tad-dumping ta' aktar minn 86,7 %. Tabilħaqq, kif spjegat fil-premessa (105) hawn taħt, l-awtoritajiet tal-Istati Uniti sabu li l-Malasja kienet qed tintuża biex jiġu evitati dazji anti-dumping imposti fuq produtturi Ċiniżi tat-TPF. Id-dazji ġew estiżi għall-esportaturi Malasjani tat-TPF.

3.5.2.2. Il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva

(102) Skont it-talba, il-Malasja għandha kapaċità ta' produzzjoni ta' 59 000 tunnellata u kapaċità ta' riżerva ta' 44 000 tunnellata, li kważi tilħaq il-konsum sħiħ tal-Unjoni tat-TPF. It-talba għal rieżami żżid li, sa mill-introduzzjoni tal-miżuri definittivi fl-2002, il-kapaċità ta' produzzjoni tat-TPF tal-Malasja ġiet estiża b'mod sinifikanti, minn 10 000 tunnellata stmati għal 59 000 tunnellata stmati matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

3.5.2.3. L-attrattività tas-suq tal-Unjoni

(103) L-ebda fatt disponibbli ma jindika żieda jew tnaqqis sostanzjali fl-industriji tal-Malasja li jużaw it-TPF u, għalhekk, is-suq domestiku Malasjan għat-TPF hu meqjus li se jibqa' pjuttost stabbli għas-snin li ġejjin u ma joffri l-ebda possibbiltà ta' espansjoni sostanzjali għat-TPF tal-Malasja.

(104) L-investigazzjoni wriet li s-suq tat-TPF tal-Unjoni hu attraenti għall-esportazzjonijiet mill-Malasja. Dan hu primarjament dovut għall-potenzjal offrut lill-produtturi Malasjani tat-TPF, li mhumiex qed jilħqu minħabba l-livell tad-dazji anti-dumping. Għad li l-esportazzjonijiet tagħhom prattikament waqfu wara l-introduzzjoni tal-miżuri definittivi fl-2002, l-industrija Malasjana tat-TPF tiddependi ħafna mill-esportazzjonijiet, u s-suq ewlieni tal-esportazzjoni hu dak tal-Istati Uniti.

([16]) Fid-deċiżjoni tagħhom tal-25 ta' Lulju 2018, l-awtoritajiet tal-Istati Uniti estendew b'mod provviżorju d-dazji ta' 182,9 % imposti fuq fittings tal-iwweldjar għall-ġonġiment tal-azzar tal-karbonju mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Malasja minħabba ċ-ċirkomvenzjoni, 83 FR 35205 – 35208..

(105) Fil-25 ta' Lulju 2018, l-awtoritajiet tal-Istati Uniti estendew id-dazju anti-dumping ta' 182,9 % impost fuq l-importazzjonijiet ta' fittings tal-iwweldjar għall-ġonġiment tal-azzar tal-karbonju mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina b'mod provviżorju għall-importazzjonijiet ta' dak il-prodott mill-Malasja, għaliex sabu li l-Malasja kienet qed tintuża għaċ-ċirkomvenzjoni ta' dawn il-miżuri. Filwaqt li l-produtturi ġenwini tat-TPF fil-Malasja jistgħu jkunu eżentati minn dan id-dazju, l-obbligu ta' ċertifikazzjoni joħolqilhom aktar piżijiet u, b'hekk, jagħmilhielhom anqas attraenti biex ibigħu l-prodotti tagħhom fl-Istati Uniti.

(106) Dan ta' hawn fuq, flimkien ma' kapaċitajiet żejda fl-Asja tax-Xlokk, imsemmija fil-premessa (91), iqiegħed is-suq tal-Unjoni suq fil-mira tal-kapaċitajiet u l-prodotti Malasjani żejda li qabel kienu jinbiegħu lill-Istati Uniti, f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu.

3.5.2.4. Konklużjoni dwar il-probabbiltà tar-rikorrenza tad-dumping

(107) Fid-dawl tal-kapaċità ta' riżerva, il-prattiki ta' pprezzar fl-Istati Uniti u d-dazji anti-dumping estiżi għall-Malasja f'dak is-suq, flimkien mal-attrattività tas-suq tal-Unjoni għall-produtturi tat-TPF mill-Malasja, hu ferm probabbli li l-produtturi tat-TPF mill-Malasja jesportaw kwantitajiet sinifikanti tat-TPF bi prezzijiet oġġett ta' dumping lejn l-Unjoni, li kieku l-miżuri jitħallew jiskadu. Fid-dawl taż-żieda fil-kapaċità ta' produzzjoni u fil-kapaċità ta' riżerva mindu ġew introditti fl-2002 il-miżuri definittivi, il-livell ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping jista' jkun ferm ogħla minn dak li kien qabel ma ġew imposti l-miżuri definittivi. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà ta' rikorrenza tad-dumping jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

3.6. **Konklużjoni**

3.6.1. *It-Turkija*

(108) Kif konkluż fil-premessi (43) u (49), l-investigazzjoni ma sabet ebda dumping għal kwalunkwe wieħed mill-produtturi esportaturi fit-Turkija matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u ma stabbilixxiet ebda probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(109) Għaldaqstant, l-investigazzjoni li tikkonċerna t-Turkija jenħtieġ li tiġi terminata u l-miżuri rigward it-Turkija jienħtieġ li jiġu revokati.

3.6.2. *Ir-Russja, il-Korea u l-Malasja*

(110) Fir-rigward tar-Russja, il-Kummissjoni kkonkludiet li, abbażi tal-informazzjoni disponibbli, matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kompla d-dumping mir-Russja. Minbarra dan, meta wieħed iqis il-kapaċità żejda kbira fir-Russja, il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, il-livelli tal-prezz tat-TPF li huma l-oġġett ta' dumping lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, flimkien mal-attrattività tas-suq tal-Unjoni għall-produtturi Russi tat-TPF, li huwa suq potenzjali ewlieni tal-esportazzjoni għar-Russja, il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li kwantitajiet sinifikanti ta' TPF x'aktarx jidħlu fis-suq tal-Unjoni f'livelli ta' prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li kien hemm evidenza ta' rikorrenza ta' dumping.

(111) Fir-rigward tal-Malasja u l-Korea, minħabba l-kapaċitajiet żejda importanti f'dawk il-pajjiżi, il-potenzjal ta' tkabbir limitat fis-swieq domestiċi tagħhom, u l-attrattività tas-suq tal-Unjoni għall-produtturi tat-TPF f'dawn il-pajjiżi, ġie konkluż li l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi tal-prodott li qed jiġi rieżaminat lejn l-Unjoni jiżdiedu fi kwantitajiet sinifikanti jekk il-miżuri anti-dumping jitħallew jiskadu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li dawn l-importazzjonijiet x'aktarx li jsiru bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping. Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-iskadenza tal-miżuri fuq it-TPF x'aktarx li twassal għal rikorrenza ta' dumping fir-rigward tal-Korea u l-Malasja.

4. **PROBABBILTÀ TA' TKOMPLIJA JEW TA' RIKORRENZA TAD-DANNU**

4.1. **Id-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(112) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-prodott simili kien immanifatturat minn madwar wieħed u għoxrin produttur tal-Unjoni. Tlieta minn dawn il-produtturi huma rrappreżentati mill-applikant. Dawn il-wieħed u għoxrin produttur tal-Unjoni jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikoli 4(1) u 5(4) tar-Regolament bażiku. L-erba' produtturi tal-Unjoni ġew kampjunati, kif deskritt fil-premessi (14) sa (15). Il-kampjun jammonta għal aktar minn 54 % tal-volum tal-produzzjoni u l-bejgħ totali tal-Unjoni kif deskritt fil-premessa (15).

4.2. **Il-konsum fl-Unjoni**

(113) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-konsum tal-Unjoni billi għaddet flimkien:

(i) il-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, miksub wara l-verifika tat-tweġibiet għall-kwestjonarju,

(ii) il-bejgħ ta' produtturi tal-Unjoni li kkooperaw li ma ddaħħlux fil-kampjun, miksub mit-talba għal rieżami u mill-informazzjoni sussegwenti pprovduta mill-applikant,

(iii) l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u mill-pajjiżi terzi kollha l-oħrajn, fuq il-bażi tal-Eurostat (livell TARIC).

(114) Abbażi ta' dan, il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 1

Il-konsum tal-Unjoni

	2014	2015	2016	PIR
Il-konsum tal-Unjoni (tunnellati)	59 864	51 151	56 722	52 535
Indiċi (2014 = 100)	*100*	*85*	*95*	*88*

Sors: tweġibiet għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, talba għal rieżami, informazzjoni pprovduta mill-applikant, Eurostat (livell TARIC).

(115) Il-konsum ġenerali tal-Unjoni naqas bi 12 % waqt il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat. B'mod aktar speċifiku, filwaqt li l-konsum tal-Unjoni naqas bi 15 % fl-2015, dan irkupra bejn l-2015 u l-2016 u mbagħad reġa' naqas mill-2016 sal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

4.3. **Importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati**

4.3.1. *Kumment preliminari*

(116) Kif intqal fil-premessi (43), (49) u (57), ma nstabu ebda dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami jew probabbiltà ta' rikorrenza tad-dumping f'dak li għandu x'jaqsam mal-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi rieżaminat u li joriġina mit-Turkija. Konsegwentement, il-miżuri rigward it-Turkija jenħtieġ li jintemmu. Għaldaqstant, għall-fini tal-eżaminar tat-tkomplija jew tar-rikorrenza tad-dannu, il-Kummissjoni se teżamina l-importazzjonijiet mit-Turkija flimkien mal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi. Għall-fini ta' kompletezza, iċ-ċifri li jikkonċernaw lit-Turkija se jiġu rrapportati b'mod separat fit-taqsima 4.3.5 ukoll.

4.3.2. *Importazzjonijiet mill-Malasja*

(117) Il-volumi tal-importazzjonijiet mill-Malasja kienu bbażati fuq l-istatistiki tal-Eurostat (livell TARIC). Il-Kummissjoni stabbilixxiet is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tal-konsum tal-Unjoni kif stabbilit fil-premessa (113).

(a) ***Volum u sehem mis-suq***

Tabella 2

Il-volum tal-importazzjoni u s-sehem mis-suq

		2014	2015	2016	PIR
Il-Malasja	Volum tal-importazzjoni (tunnellati)	0,1	0,6	0,4	1,3
	Indiċi 2014 = 100	*100*	*600*	*400*	*1 300*
	Sehem mis-suq (%)	0,0	0,0	0,0	0,0

Sors: Eurostat (livell TARIC)

(118) Il-volumi tal-importazzjoni mill-Malasja kienu kważi żero matul il-perjodu kollu li qed jiġi kkunsidrat u f'livell simili mindu ġew imposti l-miżuri definittivi fl-2002. L-ishma mis-suq kienu negliġibbli matul il-perjodu kollu li qed jiġi kkunsidrat.

(b) ***Il-prezzijiet u t-twaqqigħ tal-prezzijiet***

(119) Fid-dawl tal-volumi baxxi ħafna tal-importazzjoni mill-Malasja u tal-firxa wiesgħa ta' tipi ta' prodotti (li jinkludu varjetà ta' parametri bħall-istandards tal-ispeċifikazzjoni, grad tal-materjal, materja prima bażika, tip (fittings forma ta' l, forma ta' t jew riduċenti), dijametru estern u ħxuna tal-materjal) tal-prodott li qed jiġi rieżaminat, il-prezzijiet ta' dawn l-importazzjonijiet ma setgħux jiġu analizzati b'mod sinifikanti.

4.3.3. *Importazzjonijiet mill-Korea*

(120) Il-volumi tal-importazzjonijiet mill-Korea kienu bbażati fuq l-istatistiki tal-Eurostat (livell TARIC). Il-Kummissjoni stabbilixxiet is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tal-konsum tal-Unjoni kif stabbilit fil-premessa (113).

(a) ***Volum u sehem mis-suq***

Tabella 3

Volum tal-importazzjoni u sehem mis-suq

		2014	2015	2016	PIR
Il-Korea	Volum tal-importazzjoni (tunnellati)	405	89	346	36
	Indiċi 2014 = 100	*100*	*22*	*85*	*9*
	Sehem mis-suq (%)	0,7	0,2	0,6	0,1
	Indiċi 2014 = 100	*100*	*26*	*90*	*10*

Sors: Eurostat (livell TARIC)

(121) Il-volumi tal-importazzjoni mill-Korea kienu negliġibbli matul il-perjodu kollu li qed jiġi kkunsidrat u naqsu għal 0,1 % mis-sehem mis-suq matul il-PIR. Dawn baqgħu f'livell simili mindu ġew imposti l-miżuri definittivi fl-2002. L-ishma mis-suq naqsu minn 0,7 % fl-2014 għal 0,1 % fil-PIR.

(b) ***Il-prezzijiet u t-twaqqigħ tal-prezzijiet***

(122) Fid-dawl tal-volumi baxxi ħafna tal-importazzjonijiet mill-Korea u tal-firxa wiesgħa tat-tipi tal-prodott li qed jiġi rieżaminat, il-prezzijiet ta' dawn l-importazzjonijiet ma setgħux jiġu analizzati b'mod sinifikanti.

4.3.4. *Importazzjonijiet mir-Russja*

(123) Il-volum tal-importazzjoni u l-prezz medju tal-importazzjoni għar-Russja kienu bbażati fuq statistiki tal-Eurostat (livell TARIC). Il-Kummissjoni stabbilixxiet is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tal-konsum tal-Unjoni kif stabbilit fil-premessa (113).

(a) ***Volum u sehem mis-suq***

Tabella 4

Il-volum tal-importazzjoni u s-sehem mis-suq

		2014	2015	2016	PIR
Ir-Russja	Volum tal-importazzjoni (tunnellati)	18	21	431	468
	Indiċi 2014 = 100	*100*	*119*	*2 448*	*2 657*
	Sehem mis-suq (%)	0,0	0,0	0,8	0,9
	Indiċi 2014 = 100	*100*	*139*	*2 584*	*3 027*

Sors: Eurostat (livell TARIC)

(124) Il-volumi tal-importazzjonijiet mir-Russja kienu f'livelli baxxi matul il-perjodu kollu li qed jiġi kkunsidrat. Dawn żdiedu minn 18-il tunnellata fl-2014 u fl-2015 għal 431 tunnellata fl-2016 u għal 468 tunnellata matul il-PIR, li kienu jikkorrispondu għal żieda fis-sehem mis-suq minn 0 % fl-2014/15 għal 0,9 % fil-PIR.

(b) ***Il-prezzijiet u t-twaqqigħ tal-prezzijiet***

(125) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mir-Russja żviluppa kif ġej:

Tabella 5

Prezz tal-importazzjoni

		2014	2015	2016	PIR
Ir-Russja	Prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/tunnellata)	9 706	7 088	1 126	980
	Indiċi 2014 = 100	*100*	*73*	*12*	*10*

Sors: Eurostat (livell TARIC)

(126) Il-prezz medju tal-importazzjoni mir-Russja laħaq livelli għoljin ħafna matul l-2014 u l-2015, iżda naqas b'84 % mill-2015 għall-2016 u bi 13 % oħra fil-PIR. B'mod ġenerali, il-prezzijiet tal-importazzjoni naqsu b'90 % matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat.

(127) Kif stipulat fil-premessa (124), filwaqt li l-volumi tal-importazzjonijiet kienu baxxi wisq biex jitqiesu rappreżentattivi, tqies li l-prezzijiet ta' dawk l-importazzjonijiet jistgħu madankollu jitqiesu bħala indikazzjoni ġusta tal-imġiba tal-prezzijiet fil-ġejjieni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(128) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-esportaturi/produtturi Russi kif imsemmi fil-premessa (58), il-Kummissjoni kellha tibbaża fuq il-fatti disponibbli biex tiddetermina l-livell tat-twaqqigħ tal-prezz skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. F'dan il-każ, hi ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz għall-importazzjonijiet li joriġinaw mir-Russja matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami billi qabblet (i) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun mitluba lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni, aġġustati għal-livell tal-prezz mill-fabbrika; ma' (ii) il-prezz medju tal-importazzjonijiet mir-Russja mitlub lill-ewwel klijent indipendenti fis-suq tal-Unjoni, stabbilit fuq bażi CIF kif rapportat fil-Eurostat aġġustat għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni oħra, dawn il-kostijiet ġew stmati għal 1 % tal-valur CIF.

(129) Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, it-tipi tal-prodotti esportati mir-Russja ma setgħux jiġu ddeterminati. Għalhekk, ma kienx possibbli tqabbil fuq il-bażi tat-tip. Ir-riżultat tat-tqabbil kien espress bħala perċentwal tal-fatturat tal-industrija tal-Unjoni fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(130) It-tqabbil wera marġni tat-twaqqigħ tal-prezz medju ponderat ta' 49,8 % għar-Russja fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

4.3.5. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn*

(131) Il-volum tal-importazzjoni u l-prezz medju tal-importazzjoni għall-pajjiżi terzi l-oħra kollha kienu bbażati fuq statistiki tal-Eurostat (livell TARIC). Il-Kummissjoni stabbilixxiet is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tal-konsum tal-Unjoni kif stabbilit fil-premessa (113).

Tabella 6

Il-volum tal-importazzjoni u s-sehem mis-suq

Pajjiż		2014	2015	2016	PIR
Il-pajjiżi terzi l-oħrajn kollha	Importazzjonijiet (tunnellati)	21 906	17 812	23 062	20 865
	Indiċi 2014 = 100	*100*	*81*	*105*	*95*
	Sehem mis-suq (%)	36,6	34,8	40,7	39,7
	Prezz (EUR/tunnellata)	1 879	2 202	1 907	1 686
	Indiċi 2014 = 100	*100*	*117*	*102*	*90*

Pajjiż		2014	2015	2016	PIR
Iċ-Ċina	Importazzjonijiet (tunnellati)	8 915	7 239	10 054	8 086
	Indiċi 2014 = 100	*100*	*81*	*113*	*91*
	Sehem mis-suq (%)	14,9	14,2	17,7	15,4
	Prezz (EUR/tunnellata)	1 232	1 474	1 285	1 233
	Indiċi 2014 = 100	*100*	*120*	*104*	*100*
Il-Kambodja	Importazzjonijiet (tunnellati)	1 151	1 137	2 899	3 403
	Indiċi 2014 = 100	*100*	*99*	*252*	*296*
	Sehem mis-suq (%)	1,9	2,2	5,1	6,5
	Prezz (EUR/tunnellata)	1 301	1 486	1 280	1 322
	Indiċi 2014 = 100	*100*	*114*	*98*	*102*
Il-Vjetnam	Importazzjonijiet (tunnellati)	2 954	2 377	2 348	2 803
	Indiċi 2014 = 100	*100*	*80*	*79*	*95*
	Sehem mis-suq (%)	4,9	4,6	4,1	5,3
	Prezz (EUR/tunnellata)	1 696	1 883	1 473	1 501
	Indiċi 2014 = 100	*100*	*111*	*87*	*88*
It-Turkija	Volum tal-importazzjoni (tunnellati)	1 147	1 316	1 745	1 509
	Indiċi 2014 = 100	*100*	*115*	*152*	*132*
	Sehem mis-suq (%)	1,9	2,6	3,1	2,9
	Indiċi 2014 = 100	*100*	*134*	*161*	*150*
	Prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/tunnellata)	1 924	1 915	1 824	1 782
	Indiċi 2014 = 100	*100*	*100*	*95*	*93*
Pajjiżi terzi oħrajn	Importazzjonijiet (tunnellati)	7 739	5 743	6 016	5 065
	Indiċi 2014 = 100	*100*	*74*	*78*	*65*
	Sehem mis-suq (%)	12,9	11,2	10,6	9,6
	Prezz (EUR/tunnellata)	2 773	3 460	3 443	2 729
	Indiċi 2014 = 100	*100*	*125*	*124*	*98*

Sors: Eurostat (livell TARIC).

(132) Bħalma l-konsum kien qed jonqos, il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi kollha l-oħrajn naqas b'5 % bejn l-2014 u l-PIR. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi l-oħrajn kollha baqa' fil-medda ta' 34,8 % – 40,7 % matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat. Ħafna mill-importazzjonijiet waslu miċ-Ċina, mill-Kambodja u mill-Vjetnam, li kienu l-uniċi pajjiżi b'ishma mis-suq individwali ogħla minn 5 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(133) Kif intqal fil-premessa (6), bħalissa hemm fis-seħħ miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tat-TPF li joriġinaw miċ-Ċina. Minkejja li l-volumi tal-importazzjonijiet qed jonqsu (9 % matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat), fid-dawl tat-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdied ftit matul l-istess perjodu (0,5 %). Matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat, is-sehem mis-suq varja bejn 14,2 % u 17,7 %. Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet miċ-Ċina kienu stabbli matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat. Bħala medja, dawn kienu anqas mill-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni u anki anqas mill-prezzijiet tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi oħra.

(134) Il-volumi tal-importazzjonijiet mill-Kambodja żdiedu f'termini assoluti matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat u s-sehem mis-suq żdied b'4,6 punti perċentwali, minn 1,9 % fl-2014 għal 6,5 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Il-volumi tal-importazzjonijiet mill-Vjetnam naqsu (b'5 %), iżda, madankollu, bħal fil-każ taċ-Ċina, minħabba t-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni dan issarraf f'żieda fis-sehem mis-suq (ta' 0,4 punti perċentwali). B'hekk, is-sehem mis-suq tal-Vjetnam żviluppa minn 4,9 % fl-2014 għal 5,3 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Il-prezzijiet tal-importazzjoni mill-Vjetnam u mill-Kambodja bħala medja kienu anqas mill-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni u anki anqas mill-prezzijiet tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi oħra.

(135) Finalment, il-volumi tal-importazzjoni tal-pajjiżi terzi li jifdal mhux imsemmija hawn fuq naqsu b'mod konsiderevoli b'35 % bejn l-2014 u l-PIR. Is-sehem mis-suq tagħhom naqas bi 3,3 punti perċentwali matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat, jiġifieri minn 12,9 % fl-2014 għal 9,6 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Il-prezzijiet tal-importazzjoni minn dawn il-pajjiżi kienu bħala medja sostanzjalment ogħla mill-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni. Dawn kienu ferm ogħla mill-prezzijiet tal-importazzjoni miċ-Ċina, mill-Kambodja u mill-Vjetnam ukoll.

4.4. **Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.4.1. *Kummenti ġenerali*

(136) F'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat il-fatturi ekonomiċi u l-indiċijiet kollha rilevanti li għandhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat.

(137) Kif imsemmi fil-premessa (15), ġie applikat il-kampjunar għad-determinazzjoni tad-dannu possibbli li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

(138) Biex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni vvalutat l-indikaturi makroekonomiċi relatati mal-industrija kollha tal-Unjoni fuq il-bażi tad-*data* miksuba mill-applikant, kontroverifikata mal-informazzjoni pprovduta minn għadd ta' produtturi tal-Unjoni fl-istadju ta' qabel il-bidu u t-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun. Il-Kummissjoni vvalutat l-indikaturi mikroekonomiċi fuq il-bażi tad-*data* li tinsab fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, li kienu vverifikati. Iż-żewġ settijiet ta' *data* nstabu bħala rappreżentattivi tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(139) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, il-kobor tal-marġni tad-dumping u l-irkupru mid-dumping tal-passat.

(140) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji ta' unità, il-kost ta' unità, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabilità, il-flussi tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità ta' ġenerazzjoni tal-kapital.

4.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

(c) ***Produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni u użu tal-kapaċità***

(141) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat:

Tabella 7

Il-produzzjoni, il-kapaċità produttiva u l-użu tal-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni

	2014	2015	2016	PIR
Volum tal-produzzjoni (tunnellati)	48 385	44 428	40 008	41 350
Indiċi 2014 = 100	*100*	*92*	*83*	*85*
Kapaċità ta' produzzjoni (tunnellati)	165 181	165 181	164 003	150 202
Indiċi 2014 = 100	*100*	*100*	*99*	*91*
Użu tal-kapaċità (%)	29,3	26,9	24,4	27,5

Sors: talba għal rieżami, informazzjoni pprovduta mill-applikant, tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(142) Tul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat, il-volum ta' produzzjoni naqas bi 15 %. B'mod aktar speċifiku, dan beda jonqos fl-2015 u mbagħad naqas aktar fl-2016 filwaqt li rpilja ftit fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(143) Il-kapaċità ta' produzzjoni naqset b'9 % matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat. Hu nnotat li s-sit tal-produzzjoni ta' produttur minnhom tal-Unjoni waqqfet l-operazzjonijiet u għalqet għalkollox f'Awwissu 2017, jiġifieri matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(144) Peress li l-volum tal-produzzjoni naqas aktar mill-kapaċità, l-użu tal-kapaċità naqas b'1,8 punti perċentwali matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat.

(d) ***Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq***

(145) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw hekk matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat:

Tabella 8

Volum ta' bejgħ u sehem mis-suq tal-produtturi tal-Unjoni

	2014	2015	2016	PIR
Volum tal-bejgħ fl-Unjoni (tunnellati)	37 535	33 228	32 882	31 165
Indiċi 2012 = 100	*100*	*89*	*88*	*83*
Sehem mis-suq (%)	62,7	65,0	58,0	59,3

Sors: talba għal rieżami, informazzjoni pprovduta mill-applikant, tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(146) Il-bejgħ totali tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni naqas bi 17 % matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat, b'rata ftit aktar mgħaġġla mill-konsum matul l-istess perjodu (-12 %). Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 3,4 punti perċentwali matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat. Fuq bażi annwali, il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas primarjament bejn l-2014 u l-2015 (bi 11 %), baqa' relattivament stabbli fl-2016, u naqas b'6 % oħra fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Dan irriżulta f'sehem mis-suq li ra ċaqliq qawwi matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat, hekk kif żdied bi 2,3 punti perċentwali fl-2015, u mbagħad naqas b'7 punti perċentwali fl-2016 u reġa' żdied b'1,3 punti perċentwali fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(e) ***Tkabbir***

(147) Bejn l-2014 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-konsum tal-Unjoni naqas bi 12 %. Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas bi 17 % li sarraf f'telf fis-sehem mis-suq ta' 3,4 punti perċentwali.

(f) ***Impjiegi u produttività***

(148) Matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat, l-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej:

Tabella 9

L-impjiegi u l-produttività tal-produtturi tal-Unjoni

	2014	2015	2016	PIR
Għadd ta' impjegati	1 312	1 314	1 250	924
Indiċi 2014 = 100	*100*	*100*	*95*	*70*
Produttività (tunnellati/impjegat)	37	34	32	45
Indiċi 2014 = 100	*100*	*92*	*87*	*121*

Sors: talba għal rieżami, informazzjoni pprovduta mill-applikant, tweġibiet verifikati għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(149) L-impjiegi tal-industrija tal-Unjoni naqsu bi 30 % matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat. It-tnaqqis ewlieni seħħ fl-2017, parzjalment minħabba l-għeluq tas-sit tal-produzzjoni ta' wieħed mill-produtturi tal-Unjoni.

(150) Minħabba t-tnaqqis fil-produzzjoni u t-tnaqqis saħansitra akbar fl-impjiegi (tnaqqis ta' 14 % u ta' 30 % rispettivament tul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat), il-produttività żdiedet b'21 % tul l-istess perjodu.

(g) ***Daqs tal-marġni tad-dumping u rkupru mid-dumping tal-passat***

(151) Il-marġni tad-dumping stabbilit fir-rigward tal-importazzjonijiet tat-TPF fl-Unjoni mir-Russja matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien ferm ogħla mil-livell de minimis. Fl-istess ħin, il-livell tal-importazzjonijiet mir-Russja matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien limitat ħafna, u kien jirrappreżenta 0,9 % biss mill-konsum tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-impatt tad-daqs tal-marġini attwali tad-dumping mir-Russja fuq l-industrija tal-Unjoni kien pjuttost limitat.

(152) Kif spjegat fil-premessi (118) u (121), l-importazzjonijiet mill-Malasja u mill-Korea kienu negliġibbli matul il-perjodu kkunsidrat. Għaldaqstant, ma kienx possibbli li tiġi stabbilita determinazzjoni affermattiva tad-dumping fir-rigward ta' dawn iż-żewġ pajjiżi. Għalhekk, l-investigazzjoni ffokat fuq il-probabbiltà ta' rikorrenza tad-dumping jekk jiġu rrevokati l-miżuri anti-dumping.

4.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

(a) ***Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet***

(153) Matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat, il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej:

Tabella 10

Prezzijiet tal-bejgħ medji fl-Unjoni u l-kost unitarju

	2014	2015	2016	PIR
Prezz medju tal-bejgħ ta' unità fl-Unjoni (EUR/tunnellata)	2 784	2 865	2 628	2 552
Indiċi 2014 = 100	*100*	*103*	*94*	*92*
Kost tal-produzzjoni għal kull unità (EUR/tunnellata)	3 175	3 303	3 185	2 999
Indiċi 2014 = 100	*100*	*104*	*100*	*94*

Sors: tweġibiet verifikati għall-kwestjonarji mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(154) Il-prezz medju tal-bejgħ ta' unità tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni naqas bi 8 % u laħaq l-2 553 EUR/tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. L-industrija tal-Unjoni kellha tnaqqas il-prezzijiet tagħha biex tirrifletti t-tnaqqis ġenerali fil-prezzijiet tal-bejgħ fis-suq tat-TPF, minħabba t-tiċkin tad-domanda.

(155) Il-kost medju tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas ftit anqas, b'6 % matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat. Il-fattur qawwi li influwenza t-tnaqqis fil-kost tal-produzzjoni għal kull unità kien it-tnaqqis fil-prezz tal-materja prima.

(b) ***Kostijiet lavorattivi***

(156) Matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat, il-kostijiet lavorattivi medji żviluppaw kif ġej:

Tabella 11

Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2014	2015	2016	PIR
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR/impjegat)	55 163	54 443	53 850	54 988
Indiċi 2014 = 100	*100*	*99*	*98*	*100*

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarji mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(157) Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat baqgħu stabbli matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat.

(c) ***Inventarji***

(158) Matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat, il-livelli tal-istokkijiet żviluppaw kif ġej:

Tabella 12

Inventarji

	2014	2015	2016	PIR
Stokkijiet tal-għeluq	5 857	6 213	7 495	7 098
Indiċi 2014 = 100	*100*	*106*	*128*	*121*
Stokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni (%)	23	28	38	32

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarji mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(159) Il-livell ta' stokks tal-għeluq tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żdied b'21 % matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat. Fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-livell ta' stokkijiet kien jirrappreżenta madwar 32 % tal-produzzjoni tagħhom.

(d) ***Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat kapital***

(160) Matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat, il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti żviluppaw kif ġej:

Tabella 13

Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti

	2014	2015	2016	Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami
Il-profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	– 12,3	– 13,3	– 17,5	– 14,9
Likwidità (EUR)	– 3 572 396	– 3 040 537	– 2 134 815	1 100 439
Indiċi 2014 = 100	*– 100*	*– 85*	*– 60*	*31*
Investimenti (EUR)	2 606 076	1 644 753	1 691 602	3 550 772
Indiċi 2012 = 100	*100*	*63*	*65*	*136*
Redditu fuq l-investimenti (%)	– 20,0	– 20,3	– 25,7	– 18,5

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarji mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun.

(161) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. It-telf tal-industrija tal-Unjoni żdied minn – 12,3 % fl-2014 għal – 14,9 % fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, jiġifieri żieda ta' 2,6 punti perċentwali.

(162) Il-fluss tal-flus nett hu l-kapaċità tal-produttur tal-Unjoni li jiffinanzja waħdu l-attivitajiet tiegħu. Il-fluss tal-flus nett żdied u sar pożittiv matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat. Kien affettwat l-aktar mill-profitt iġġenerat mill-bejgħ tal-esportazzjoni. Dan il-bejgħ tal-esportazzjoni kien jirrappreżenta 32 % tal-bejgħ mhux relatat kollu tal-produtturi fil-kampjun fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u ppermetta lill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun biex jiġu f'sitwazzjoni kważi ta' ekwilibriju matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat.

(163) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-fluss annwali ta' investimenti fil-prodott li qed jiġi rieżaminat, li sar mill-industrija tal-Unjoni żdied, minn EUR 2,6 miljun fl-2014 għal EUR 3,6 miljun fil-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Kien hemm bżonn li jsiru investimenti biex il-produtturi tal-Unjoni jsostnu l-produzzjoni tal-Unjoni, primarjament fil-manutenzjoni u fis-sostituzzjoni tal-makkinarju l-antik u dawn jenħtieġ li jitqiesu bħala parti mill-proċess kurrenti ta' ristrutturar tal-industrija tal-Unjoni.

(164) Ir-redditu fuq l-investimenti hu l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Ir-redditu fuq l-investiment mill-produzzjoni u mill-bejgħ tal-prodott simili ra ċaqliq u laħaq -18,5 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

4.4.4. *Konklużjoni dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni*

(165) L-investigazzjoni wriet li minkejja l-miżuri fis-seħħ, ħafna mill-indikaturi tad-dannu żviluppaw b'mod negattiv u li s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni marret għall-agħar matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat.

(166) B'kunsiderazzjoni tal-iżviluppi msemmija hawn fuq, jista' jiġi konkluż li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(167) L-iżviluppi negattivi tal-industrija tal-Unjoni huma primarjament spjegati mit-tnaqqis fil-konsum, li naqas bi 12 % matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat u mill-preżenza tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra, primarjament iċ-Ċina, il-Kambodja u l-Vjetnam, li rrappreżentaw 67 % tal-importazzjonijiet kollha fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Peress li ma kien hemm ebda kooperazzjoni mill-importaturi/mill-utenti u li d-*data* disponibbli fil-Eurostat ma tagħmilx distinzjoni bejn tipi differenti tal-prodott, ma setax isir tqabbil sinifikanti tal-prezzijiet skont it-tip tal-prodott u l-impatt tal-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi terzi ma setax jiġi stabbilit b'mod ċar.

4.4.5. *Konklużjoni*

(168) Il-Kummissjoni kkonkludiet fil-premessa (166) li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll fil-premessa (167) li d-dannu lill-industrija tal-Unjoni osservat matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ma setax kien ikkawżat minn importazzjonijiet mill-Malasja, mill-Korea, u mir-Russja minħabba l-volum limitat ħafna tagħhom.

(169) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kompliet teżamina l-probabbiltà ta' rikorrenza tad-dannu oriġinarjament ikkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-Malasja, mill-Korea u mir-Russja li kieku l-miżuri jiġu revokati.

4.5. **Il-probabbiltà ta' rikorrenza tad-dannu**

4.5.1. *Kumment preliminari*

(170) Biex tiġi stabbilita l-probabbiltà ta' rikorrenza tad-dannu li kieku jiġu revokati l-miżuri, ġew analizzati l-elementi li ġejjin: (a) il-kapaċità ta' produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fil-Malasja, fil-Korea u fir-Russja, (b) il-livelli possibbli tal-prezz tal-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi li kieku l-miżuri jitħallew jiskadu u l-impatt tagħhom fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, (c) l-eżistenza ta' miżuri restrittivi tal-kummerċ f'pajjiżi terzi oħra fuq l-esportazzjonijiet tat-TPF mill-Malasja, mill-Korea u mir-Russja.

(171) Fid-dawl tan-nuqqas assolut ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi, is-sejbiet kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. F'dan ir-rigward, intużaw l-informazzjoni mit-talba għal rieżami, mill-Eurostat (livell TARIC) u mill-istatistiki tal-kummerċ tal-Istati Uniti.

(a) ***Il-kapaċità ta' produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva disponibbli fil-Malasja, fil-Korea u fir-Russja***

(172) Kif stabbilit fil-premessi (70), (88) u (102), il-kapaċità żejda fir-Russja, fil-Malasja u fil-Korea kienet stmata li hi ta' madwar 251 000 tunnellata fil-PIR, li huwa aktar minn erba' darbiet il-konsum tal-Unjoni matul l-istess perjodu.

(173) Barra minn hekk, ma kien hemm l-ebda element li jista' jindika xi żieda sinifikanti fid-domanda domestika tat-TPF fil-Malasja, fil-Korea jew fir-Russja jew fi kwalunkwe suq ta' pajjiż terz ieħor fil-futur qrib. Meta wieħed iqis it-tnaqqis fil-konsum tat-TPF tal-Unjoni matul il-perjodu li qed jiġi kkunsidrat, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-domanda domestika fil-Malasja, fil-Korea jew fir-Russja jew fi swieq ta' pajjiżi terzi oħrajn ma setgħetx tassorbi l-kapaċità ta' riżerva disponibbli.

(b) ***Il-livelli possibbli tal-prezz tal-importazzjonijiet mill-Malasja, mill-Korea u mir-Russja***

(174) Ma kien hemm ebda kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi fil-Malasja, fil-Korea u fir-Russja. Barra minn hekk, fid-dawl tal-kwantitajiet baxxi ħafna importati fl-Unjoni mill-Malasja u mill-Korea, ma seta' jiġi stabbilit ebda prezz affidabbli tal-importazzjoni għal dawn il-pajjiżi matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(175) F'dawn iċ-ċirkustanzi u f'konformità mal-metodoloġija użata fl-aħħar rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet li joriġinaw mill-Malasja u mill-Korea, il-prezzijiet tal-esportazzjoni mill-Korea u mill-Malasja lejn l-Istati Uniti ntużaw bħala indikatur biex jiġi stabbilit xi jkun il-livell probabbli tal-prezz tal-importazzjonijiet mill-Malasja u mill-Korea li kieku l-miżuri jiġu mħassra. F'dan ir-rigward, ta' min jinnota li l-volumi tal-importazzjoni mill-Korea u mill-Malasja lejn l-Istati Uniti kienu jammontaw għal 63 % tal-konsum tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Barra minn hekk, kif stabbilit fil-premessa (96), instab li l-Istati Uniti kienu suq komparabbli għas-suq tal-Unjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkalkolat il-marġini tat-twaqqigħ tal-prezz esklużi d-dazji anti-dumping għal dawn l-importazzjonijiet fl-Istati Uniti. Il-kalkolu wera li l-prezzijiet tal-importazzjoni mill-Malasja u mill-Korea aktarx li jwaqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni bi 53 % u b'20 % rispettivament.

(176) F'dak li għandu x'jaqsam mar-Russja, filwaqt li l-volum tal-importazzjoni fl-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien baxx, dan tqies suffiċjenti biex jagħti indikazzjoni ġusta tal-imġiba futura tal-prezz li kieku l-miżuri jitħallew jiskadu. Fuq din il-bażi, il-kalkolu mingħajr id-dazji anti-dumping wera li l-prezzijiet tal-importazzjoni mir-Russja aktarx li jwaqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni b'59 %.

(177) Għaldaqstant, li kieku l-miżuri jiġu revokati, l-industrija tal-Unjoni tkun taħt pressjoni sinifikanti fuq il-prezzijiet mill-Malasja, il-Korea u r-Russja, li tkompli tgħarraq is-sitwazzjoni ekonomika tagħha.

(c) ***Il-miżuri restrittivi tal-kummerċ fuq l-esportazzjonijiet mill-Malasja, mill-Korea u mir-Russja u l-attrattività tas-suq tal-Unjoni***

(178) Kif indikat fil-premessa (90), il-Ġappun impona dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet tat-TPF mill-Korea f'Marzu 2018. Barra minn hekk, kif indikat fil-premessa (98), il-miżuri anti-dumping fuq l-importazzjonijiet tat-TPF fl-Istati Uniti kienu ġew estiżi għall-Malasja minn Lulju 2018. Dan jimplika li l-aċċess għat-tliet l-akbar swieq tal-esportazzjoni għall-produtturi esportaturi mill-Korea u mill-Malasja hu ristrett u, fid-dawl tal-attrattività tas-suq tal-Unjoni għall-esportaturi Koreani u Malasjani deskritta fil-partijiet 3.4.2.3 u 3.5.2.3, u tal-qrubija tas-suq tal-Unjoni għall-esportaturi Russi deskritta fil-parti 3.3.2.3, hemm probabbiltà kbira li dawn il-produtturi esportaturi (jerġgħu) jidderieġu l-importazzjonijiet tagħhom tal-prodott li qed jiġi rieżaminat lejn is-suq tal-Unjoni.

4.5.2. *L-impatt fuq l-industrija tal-Unjoni*

(179) Jista' jkun raġonevolment mistenni li, bħala konsegwenza tal-attrattività tas-suq tal-Unjoni deskritta fil-partijiet 3.3.2.3, 3.4.2.3 u 3.5.2.3, jekk il-miżuri jiġu revokati, tal-anqas parti mill-kapaċità ta' riżerva aktarx li tiġi diretta (mill-ġdid) lejn is-suq tal-Unjoni.

(180) Fil-premessi (76), (92) u (107), ġie konkluż li huwa probabbli li l-produtturi esportaturi mill-Malasja, mill-Korea u mir-Russja jesportaw kwantitajiet sinifikanti tal-prodott li qed jiġi rieżaminat lejn l-Unjoni, f'każ li l-miżuri jitħallew jiskadu u li dawn l-esportazzjonijiet x'aktarx isiru bi prezzijiet li huma l-oġġett ta' dumping.

(181) F'termini ta' volumi, u fid-dawl tal-kapaċità ta' riżerva sinifikanti, hu ferm probabbli li l-produtturi esportaturi mill-Malasja, mill-Korea u mir-Russja se jerġgħu jibdew l-importazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni u jiggwadanjaw l-ishma mis-suq fis-suq tal-Unjoni. Fid-dawl tat-tendenza kurrenti ta' konsum li qed jonqos, il-gwadann fis-sehem mis-suq hu mistenni jkun saħansitra aktar importanti. F'dan ix-xenarju, l-industrija tal-Unjoni taffaċċja tnaqqis immedjat fil-volumi ta' bejgħ u fl-ishma mis-suq tagħha. Dan ikun jirriżulta wkoll fi tnaqqis ulterjuri tar-rata ta' użu tal-kapaċità li diġà hi f'livelli baxxi ħafna u jkompli jżid it-telf saħansitra aktar.

(182) Barra minn hekk, minħabba l-marġini ta' profitt diġà negattivi tal-industrija tal-Unjoni, din mhux se tkun tista' tnaqqas aktar il-prezzijiet tagħha biex tipprova tlaħħaq mal-prezzijiet tal-importazzjonijiet u żżomm il-volumi tal-bejgħ fl-Unjoni. It-tnaqqis tal-livelli tal-prezz tagħha jwassal għal deterjorament ulterjuri immedjat tas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni, li diġà kienet qed iġġarrab dannu materjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u hu probabbli ħafna li dan jixħet lill-industrija tal-Unjoni b'mod ġenerali f'riskju, li jinvolvi tnaqqis jew saħansitra għeluq ta' siti tal-produzzjoni.

(183) Abbażi ta' dak li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà kbira ta' rikorrenza tad-dannu mill-importazzjonijiet mill-Malasja, mill-Korea u mir-Russja f'każ li l-miżuri jiġu revokati.

(184) Fil-kummenti tiegħu dwar id-divulgazzjoni finali, il-Gvern Russu sostna li ma kien hemm l-ebda rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet Russi u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Din id-dikjarazzjoni tinjora l-analiżi tal-elementi u l-konklużjonijiet elenkati fil-premessi (170) sa (183) li jindikaw probabbiltà kbira ta' rikorrenza ta' dannu mill-importazzjonijiet mill-Malasja, mill-Korea u mir-Russja f'każ li l-miżuri jiġu revokati u għalhekk kellha tiġi miċħuda. Il-konklużjonijiet fil-premessa (183) għalhekk huma miżmuma.

5. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

(185) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri anti-dumping eżistenti kontra l-Malasja, il-Korea u r-Russja tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni b'mod ġenerali. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-interessi varji kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija, tal-importaturi u tal-utenti tal-Unjoni.

(186) Hu mfakkar ukoll li, fl-investigazzjonijiet oriġinali, tqies li l-adozzjoni tal-miżuri ma tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni.

(187) Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku.

(188) Fuq din il-bażi l-Kummissjoni eżaminat jekk, minkejja l-konklużjonijiet dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza tad-dumping u tad-dannu, kinux jeżistu raġunijiet konvinċenti li jwasslu għall-konklużjoni li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri eżistenti.

5.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(189) Kif ġie konkluż fil-premessa (166), l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, kif ikkonfermat mix-xejriet negattivi tal-biċċa l-kbira tal-indikaturi tad-dannu. Fl-istess ħin, ġie konkluż ukoll fil-premessa (183) li l-industrija tal-Unjoni aktarx tesperjenza deterjorament ulterjuri tas-sitwazzjoni tagħha f'każ li l-miżuri anti-dumping kontra l-Malasja, il-Korea u r-Russja jitħallew jiskadu.

(190) B'mod ġenerali, minkejja s-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-industrija għadha vijabbli. Dan kien ibbażat fuq il-fatt li, kif imsemmi fil-premessa (162), il-bejgħ tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni jammonta għal sehem sinifikanti mill-volum tal-bejgħ u ppermetta lill-industrija tal-Unjoni toqrob lejn sitwazzjoni ta' ekwilibriju matul il-perjodu kkunsidrat. Minkejja dan, l-industrija tal-Unjoni għadha turi livelli baxxi ħafna ta' użu tal-kapaċità u qed tipprova ttejjeb is-sitwazzjoni ekonomika tagħha billi tagħmel investimenti kurrenti li jagħmlu possibbli l-proċess ta' ristrutturar tagħha.

(191) Kwalunkwe deterjorament ulterjuri jkollu impatt fuq is-sitwazzjoni ġenerali tagħha bir-riskju ta' tnaqqis jew saħansitra ta' għeluq għalkollox ta' siti tal-produzzjoni fl-Unjoni. Għaldaqstant, jista' jiġi konkluż li t-tkomplija tal-miżuri kontra l-Malasja, il-Korea u r-Russja tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

5.2. **L-interess tal-importaturi, tal-operaturi tas-suq u tal-utenti**

(192) Wieħed u sittin importatur u utent ġew ikkuntattjati fil-bidu ta' din l-investigazzjoni u ġew mistiedna jikkooperaw. Madankollu, ebda wieħed minnhom ma kkoopera fl-investigazzjoni kurrenti. Hu mfakkar li fl-investigazzjonijiet preċedenti dwar it-TPF instab li l-impożizzjoni ta' miżuri x'aktarx li ma kienet se tħalli l-ebda effett negattiv serju fuq is-sitwazzjoni tal-importaturi u tal-utenti fl-Unjoni.

(193) L-utenti ma ssottomettew ebda informazzjoni li turi li kien hemm diffikultajiet fis-sejbien ta' sorsi oħrajn u lanqas l-investigazzjoni ma sabet xi informazzjoni bħal din.

(194) Fl-investigazzjonijiet preċedenti, l-analiżi tal-interess tal-Unjoni ma wriet ebda impatt negattiv tal-miżuri fuq l-importaturi u fuq l-utenti, li setgħu jittrasferixxu ż-żieda fil-prezz. Ma nstab ebda element f'dan ir-rieżami ta' skadenza li jikkontradixxi din il-konklużjoni. L-utenti tat-TPF joperaw primarjament fl-industriji petrokimiċi kif ukoll fl-industriji attivi fis-settur tal-bini. Il-prodott li qed jiġi rieżaminat jintuża biex jitqabbdu tubi jew pajpijiet ma' xulxin. Filwaqt li t-tubi u l-pajpijiet jirrappreżentaw sehem aktar sinifikanti mill-kost ġenerali tal-proġetti, ġeneralment it-TPF jirrappreżenta parti minuri mill-kost ġenerali.

(195) Barra minn hekk, b'kunsiderazzjoni tat-terminazzjoni tal-miżuri rigward it-Turkija, madwar 60 % tal-importazzjonijiet tat-TPF jistgħu jsiru mingħajr dazji anti-dumping fl-Unjoni u, għaldaqstant, tinżamm għażla raġonevoli ta' fornituri.

(196) Abbażi ta' dan u b'konformità mal-konklużjonijiet stabbiliti fl-investigazzjonijiet preċedenti, hu mistenni li t-tkomplija tal-miżuri mhux ser ikollha impatt negattiv sinifikanti fuq l-utenti u għalhekk ma hemm l-ebda raġuni b'saħħitha biex jiġi konkluż li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li jiġu estiżi l-miżuri eżistenti għall-Malasja, għall-Korea u għar-Russja.

5.3. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(197) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma hemmx raġunijiet konvinċenti ta' interess tal-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri anti-dumping kurrenti kontra l-Malasja, il-Korea u r-Russja.

6. **MIŻURI ANTI-DUMPING**

(198) Il-partijiet interessati kollha ġew informati dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien hemm l-għan li jinżammu l-miżuri anti-dumping fis-seħħ għall-Malasja, għall-Korea u għar-Russja u li jiġu revokati l-miżuri fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi rieżaminat li joriġina mit-Turkija. Huma ngħataw ukoll perjodu li matulu setgħu jressqu kummenti wara din id-divulgazzjoni. Is-sottomissjonijiet u l-kummenti ngħataw il-kunsiderazzjoni dovuta.

(199) Mill-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq isegwi li, skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet tat-TPF li joriġinaw mill-Malasja, mill-Korea u mir-Russja imposti permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 78/2013 u permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1283/2014, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/306 jenħtieġ li jinżammu u l-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet tat-TPF li joriġinaw mit-Turkija jenħtieġ li jitħallew jiskadu.

(200) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament japplikaw biss għall-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi eżaminat immanifatturat minn dawn il-kumpaniji u għalhekk mill-entitajiet ġuridiċi speċifiċi msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi rieżaminat immanifatturat minn kull kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament bl-isem u l-indirizz tagħha, inklużi entitajiet relatati ma' dawk imsemmija speċifikament, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u jkunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

(201) Kull dikjarazzjoni li titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati ta' dazju anti-dumping individwali (pereżempju, wara bidla fl-isem tal-entità jew wara t-twaqqif ta' entitajiet ġodda tal-produzzjoni jew tal-bejgħ) jenħtieġ li tiġi indirizzata lill-Kummissjoni ([17]) flimkien mal-informazzjoni kollha rilevanti, b'mod partikolari kwalunkwe tibdil fl-attivitajiet tal-kumpanija marbuta mal-produzzjoni, mal-bejgħ domestiku u esportat, assoċjat pereżempju ma' dik il-bidla fl-isem jew dik il-bidla fl-entità tal-produzzjoni jew tal-bejgħ. Jekk ikun xieraq, ir-Regolament għandu jiġi emendat kif xieraq billi tiġi aġġornata l-lista ta' kumpaniji li jibbenifikaw minn rati tad-dazju individwali.

(202) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([18]), meta ammont jiġi rimborżat wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li jrid jitħallas jenħtieġ li jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(203) Il-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036 ma tax opinjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. B'dan hu impost dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' fittings tat-tubi u tal-pajpijiet (għajr għall-fittings fonduti, il-flanġi u l-aċċessorji bil-kamin), tal-ħadid jew tal-azzar (eskluż l-azzar inossidabbli), b'dijametru estern massimu ta' 609,6 mm, tat-tip li jiġi użat għall-iwweldjar għall-ġonġiment (butt-welding) jew xi użi oħra, li bħalissa huma fil-kodiċi NM ex 7307 93 11, ex 7307 93 19 u ex 7307 99 80 (kodiċi TARIC 7307 93 11 91, 7307 93 11 93, 7307 93 11 94, 7307 93 11 95, 7307 93 11 99, 7307 93 19 91, 7307 93 19 93, 7307 93 19 94, 7307 93 19 95, 7307 93 19 99, 7307 99 80 92, 7307 99 80 93, 7307 99 80 94, 7307 99 80 95 u 7307 99 80 98) u li joriġinaw mill-Malasja, mill-Federazzjoni Russa u mir-Repubblika tal-Korea.

([17]) European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate H, B-1049 Brussels, Belgium.

([18]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

2. Ir-rata tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u mmanifatturati mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, għandha tkun kif ġej:

Pajjiż	Kumpanija	Rata tad-dazju	Kodiċi TARIC addizzjonali
Il-Malasja	Anggerik Laksana Sdn Bhd, Selangor Darul Ehsan	59,2 %	A324
	Pantech Steel Industries Sdn Bhd	49,9 %	A961
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	75,0 %	A999
Il-Federazzjoni Russa	Il-kumpaniji kollha	23,8 %	—
Ir-Repubblika tal-Korea	TK Corporation, 1499-1, Songjeong- Dong, Gangseo-Gu, Busan	32,4 %	C066
	Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	44,0 %	C999

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

B'dan, id-dazji anti-dumping definittivi fuq importazzjonijiet ta' fittings tat-tubi u tal-pajpijiet (għajr għall-fittings fonduti, il-flanġi u l-aċċessorji bil-kamin), tal-ħadid jew tal-azzar (eskluż l-azzar inossidabbli), b'dijametru estern massimu ta' 609,6 mm, tat-tip li jiġi użat għall-iwweldjar għall-ġonġiment (butt-welding) jew xi użi oħra, li bħalissa huma fil-kodiċi NM ex 7307 93 11, ex 7307 93 19 u ex 7307 99 80 (kodiċi TARIC 7307 93 11 91, 7307 93 11 93, 7307 93 11 94, 7307 93 11 95, 7307 93 11 99, 7307 93 19 91, 7307 93 19 93, 7307 93 19 94, 7307 93 19 95, 7307 93 19 99, 7307 99 80 92, 7307 99 80 93, 7307 99 80 94, 7307 99 80 95 u 7307 99 80 98) u li joriġinaw mir-Repubblika tat-Turkija huma revokati u l-proċediment li jikkonċerna dawn l-importazzjonijiet hu terminat.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' April 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER